Nru. 17,995
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 14 ta' Novembru, 2006
Tuesday, 14th November, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 949

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,992 u 17,994 tas-7 u l-10 ta' Novembru, 2006 rispettivament.

A.L. Nru. 267 ta' l-2006: Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217); Ordinanza dwar id-Drittijiet (Kap. 35); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg.

A.L. Nru. 268 ta' l-2006: Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta (Kap. 478); Avviż dwar bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva.

A.L. Nru. 269 ta' l-2006: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar Rekwiżiti Minimi għar-Rendiment tal-Bini fl-użu ta' l-Enerġija.

A.L. Nru. 270 ta' l-2006: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni ta' l-2006 dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income)* (Repubblika ta' San Marino).

GOVERNMENT NOTICES

No. 949

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,992 and 17,994 of the 7th and the 10th November, 2006 respectively.

L.N. No. 267 of 2006: Immigration Act (Cap. 217); Fees Ordinance (Cap. 35); Immigration (Residence Permits and Employment Licences) (Fees) (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 268 of 2006: Malta Film Commission Act (Cap. 478); Notice of coming into force of the Financial Incentives for the Audiovisual Industry Regulations, 2006.

L.N. No. 269 of 2006: Malta Resources Authority Act (Cap. 423); Commencement notice of the Minimum Requirements on the Energy Performance of Buildings Regulations, 2006.

L.N. No. 270 of 2006: Income Tax Act (Cap. 123); Double Taxation Relief (Taxes on Income) (The Republic of San Marino) Order, 2006.

A.L. Nru. 271 ta' l-2006: Att ta' l-2006 dwar id-Demm Uman u t-Trapjanti (Att Nru. IV ta' l-2006); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Kwalità u s-Sigurezza tat-Tessut u ċ-Ċelloli.

L.N. No. 271 of 2006: Human Blood and Transplants Act, 2006 (Act No. IV of 2006); Tissues and Cells (Quality and Safety) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 272 ta' l-2006: Att ta' l-2006 dwar id-Demm Uman u t-Trapjanti (Att Nru. IV ta' l-2006); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Kwalità u s-Sigurezza tad-Demm.

L.N. No. 272 of 2006: Human Blood and Transplants Act, 2006 (Act No. IV of 2006); Blood (Quality and Safety) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 273 ta' l-2006: Att ta' l-2006 dwar id-Demm Uman u t-Trapjanti (Att Nru. IV ta' l-2006); Regolamenti ta' l-2006 dwar Ħtiġiet ta' Traċċabilità u Avviż ta' Reazzjonijiet u Okkorrenzi Gravi Avversi.

L.N. No. 273 of 2006: Human Blood and Transplants Act, 2006 (Act No. IV of 2006); Traceability Requirements and Notification of Serious Adverse Reactions and Events Regulations, 2006.

A.L. Nru. 274 ta' l-2006: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2006 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra.

L.N. No. 274 of 2006: Environment Protection Act (Cap. 435); European Community Greenhouse Gas Emissions Trading Scheme (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 275 ta' l-2006: Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2006 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika Popolari Demokratika tal-Korea.

L.N. No. 275 of 2006: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); United Nations Sanctions (Democratic People's Republic of Korea) Regulations, 2006.

L-14 ta' Novembru, 2006

14th November, 2006

Nru. 950

No. 950

NOMINA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

IL-PRIM Ministru approva l-hatra temporanja li ġejja:–

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	15-25.11.2006

L-14 ta' Novembru, 2006

14th November, 2006

Nru. 951

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 951

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Publio Agius	Direttur u Reġistratur ta' l-Istampa *Director and Press Registrar*	Informazzjoni *Information*	12–18.11.2006 and 21–24.11.2006

L-14 ta' Novembru, 2006

14th November, 2006

Nru. 952

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 952

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	08–11.11.2006

L-14 ta' Novembru, 2006

14th November, 2006

Nru. 953

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (*STANDARDS* GĦALL-ĦARSIEN SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 953

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL WELFARE STANDARDS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Dennis Buttigieg	Direttur *Director*	*Standards* għall-Ħarsien Soċjali *Social Welfare Standards*	15–18.11.2006

L-14 ta' Novembru, 2006

14th November, 2006

Nru. 954

KUMITAT DWAR SISTEMA TA' RINFURZAR LOKALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulhadd illi l-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għoġbu japprova illi s-Segretarju *ad interim* fuq il-Kumitat dwar is-Sistema ta' Infurzar Lokali jkun is-Sur Christopher Galea u bħala rappreżentant tal-Korp tal-Pulizija jkun l-Assistent Kummissarju Josie Brincat, nominati skond l-Avviż Legali 237 ta' l-2006 dwar l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291).

L-14 ta' Novembru, 2006

No. 954

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM COMMITTEE

IT is notified for general information that the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has been pleased to appoint Mr Christopher Galea as Secretary ad interim to the Local Enforcement System Committee and Assistant Commissioner Josie Brincat as representative of the Police Force in terms of Legal Notice 237 of 2006 of the Commissioners for Justice Act (Cap. 291).

14th November, 2006

Nru. 955

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Timothy Ellis, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Peter Fleri-Soler, LL.D., b'seħħ mill-11 ta' Novembru 2006 sal-15 ta' Novembru 2006 għal matul l-assenza tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

Joseph A. Borg, B.A.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-7 ta' Novembru, 2006

No. 955

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Timothy Ellis, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr Peter Fleri-Soler, LL.D., with effect from 11th November 2006 to the 15th November 2006 during the latter's absence from these Islands.

Joseph A. Borg, B.A.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

7th November, 2006

Nru. 956

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 956

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Aġenzija ta' Gwardjani Privati
Application for licence of Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Ronald Axisa	533660 (M)	"Kerber Security Limited", Blokk A, Oxford Court, Flat 7, Triq Achille Ferris, Msida

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Matthew Parnis	560386 (M)	15, Triq Vincenzo Bugeja, Santa Venera
Franklen Joseph Borg	273187 (M)	20, "Jokarho Lodge", Triq l-Ibraġġ, Safi
Mario Gellel	563050 (M)	Flat 6, Triq Patri Ġwann Azzopardi, Binja Binarju, Ent. K, Santa Venera
Patricia Cutajar	374171 (M)	"Water Falls", Għajn Kajjet, Rabat
Dennis Galea	9487 (G)	"Sunnyside", Triq l-Imnarja, Nadur, Għawdex
Lilian Pauline Micallef	67785 (M)	375, Triq il-Fortizza, Pembroke
Christian Fenech	300786 (M)	117, "Jalium", Triq il-Labour, Naxxar
Anna Sultana	875054 (M)	12, Triq Ta' l-Ibraġġ, Swieqi
Carmel Paris	113953 (M)	Blokk B, Flat 2, Triq iċ-Ċikas, Żabbar
Joseph Schembri	485655 (M)	Flat 5, Blokk 1, App. L-21 ta' Settembru 1964, Kirkop
Alexander Taliana	633962 (M)	"St. John's Buildings", Blokk B, Flat 3, Triq il-Koppla, Fgura
Michael Garzia	480765 (M)	25, "Il-Bejta", Triq Salvu Mallia, Siġġiewi
Zvetlana Marie Farrugia	291888 (M)	14, "Oriental", Flat 1, Triq Vincenzo Ciappara, Rabat
Bernhardth Caruana	57285 (M)	17, Blokk 4, Triq San Pietru u San Pawl, Isla
David Champion	659960 (M)	3, "Hesri", Flat 4, Triq Ta' Brija, Siġġiewi

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-14 ta' Novembru, 2006

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

14th November, 2006

Nru. 957

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET
(Kap. 296)

Avviż li hemm il-ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:-

No. 957

LAND REGISTRATION ACT

(Cap. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:-

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Fontana	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Tuta sive Ta' Mankella" – 215 m.k.	Schembri Joseph		1476/06 Gozo
Fontana	*Portion of land known as "Ta' Tuta sive Ta' Mankella" – 215 s.m.*	*Schembri Joseph*		
Ghajnsielem	Porzjon art maghrufa bhala "Tal-Gudja sive Ta' San Martin" fi Triq Patri Frangisk Cauchi – 374.6 m.k.	Grima John et		1571/06 Gozo
Ghajnsielem	*Portion of land known as "Tal-Gudja sive Ta' San Martin" fi Triq Patri Frangisk Cauchi – 374.6 s.m.*	*Grima John et*		
Ghajnsielem	9/98 indiviz ta' lok tad-djar nru 2 fi Triq Ghajnsielem	Bugeja Loreto et		1623/06 Gozo
Ghajnsielem	*9/98 undivided share of the premises no. 2 in Triq Ghajnsielem*	*Bugeja Loreto et*		
Ghajnsielem	Porzjon art – 13 m.k. u trasferiment parzjali ta' propjeta' nru. 22000513	Il-Gvern ta' Malta		1629/06 Gozo
Ghajnsielem	*Portion of land – 13 s.m. and part transfer of property no. 22000513*	*The Government of Malta*		
Ghajnsielem	Porzjon art – 259 m.k u trasferiment parzjali ta' propjetajiet nru. 22001255, 22001254, 22000539, 22000536, 22000537, 22001257 u 22001256	Il-Gvern ta' Malta		1630/06 Gozo
Ghajnsielem	*Portion of land – 259 s.m. u part transfer of property nos. 22001255, 22001254, 22000539, 22000536, 22000537, 22001257 & 22001256*	*The Government of Malta*		
Ghajnsielem	Porzjon art – 254 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		1631/06 Gozo
Ghajnsielem	*Portion of land – 254 s.m.*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Gharb	Porzjon art bil-kejl ta' 108 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		1463/06 Gozo
Gharb	*Portin of land – 108 s.m.*	*The Government of Malta*		
Gharb	Fond nru 4 u bieb iehor bla nru. Fi Triq l-Gharb	Mifsud Maria et	67852G	1473/06 Gozo
Gharb	*Premises no. 4 and the door without no. in Triq l-Gharb*	*Mifsud Maria et*	*67852G*	
Gharb	Korrezzjoni fuq LRA G 660/05	Il-Gvern ta' Malta		1576/06 Gozo
Gharb	*Correction of LRA G 660/05*	*The Government of Malta*		
Ghasri	1/5 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Pantu" – 301 m.k.	Grech Louis	26558G	1474/06 Gozo
Ghasri	*1/5 undivided share of a portion of land known as "Ta' Pantu" – 301 s.m.*	*Grech Louis*	*26558G*	
Kercem	¼ indiviz ta lok ta' djar nru 19 u 20 fi Triq Ghajn Abdun, Santa Lucija	Cauchi Anthony et	26466 G	1456/06 Gozo
Kercem	*¼ undivided share of premises no. 19 and 20 in Triq Ghajn Abdun, Santa Lucija*	*Cauchi Anthony et*	*26466 G*	
Kercem	Korrezzjoni fuq LRA G 65/02	Tabone Joseph	73838 G	1512/06 Gozo
Kercem	*Correction of LRA G 65/02*	*Tabone Joseph*	*73838 G*	
Kercem	Korrezzjoni fuq propjeta' nru. 30000289	Axiaq Wistin et	33634G	1640/06 Gozo
Kercem	*Correction on property no. 30000289*	*Axiaq Wistin et*	*33634G*	
Munxar	Il-Garage iffurmat minn zewg garages li jmissu ma' xulxin, fi stat ta' gebel u saqaf fi Triq tal-Qsajjem	Attard Charlie et	29577 G	1444/06 Gozo
Munxar	*The garage which consists of two garages which are near each other in shell form in Triq tal-Qsajjem*	*Attard Charlie et*	*29577 G*	
Munxar	Korrezzjoni fuq LRA G 808/96	Curmi Maria et		1460/06 Gozo
Munxar	*Correction of LRA G 808/96*	*Curmi Maria et*		
Munxar	Appartament internament nru 3 fuq il 'ground floor level' li jifforma parti mill-blokk bl-isem "Tower Court Door A" if Triq Omeru, Xlendi	Zerafa Michael sive Lino et	400939M	1606/06 Gozo
Munxar	*The Appartment internally no.3 on the ground floor level which forms part of the block of building named "Tower Court Door A" in Triq Omeru, Xlendi*	*Zerafa Michael sive Lino et*	*400939M*	
Munxar	Porzjon art maghrufa bhala "L-Mandra" fi Triq ix-Xlendi – 187 m.k.	Farrugia Giovanna et	56951G	1624/06 Gozo
Munxar	*Portion of land known as "L-Mandra" in Triq ix-Xlendi – 187 s.m.*	*Farrugia Giovanna et*	*56951G*	
Nadur	Porzjoni diviza mill-art msejha "Ta' Wied Bingemma" – 446 m.k.	Zammit Louis et	19173G	1452/06 Gozo
Nadur	*Divided portion of land known as "Ta' Wied Bingemma" – 446 s.m.*	*Zammit Louis et*	*19173G*	
Nadur	Korrezzjoni fuq LRA G 50/2006	Vella Joseph et	64547G	1453/06 Gozo
Nadur	*Correction of LRA G 50/2006*	*Vella Joseph et*	*64547G*	
Nadur	1/6 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Tal-Qortin" – 404 m.k.	Camilleri Francesco	425081 M	1457/06 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Nadur	*1/6 undivided share of a portion of land known as "Tal-Qortin" – 404 s.m.*	*Camilleri Francesco*	*425081 M*	
Nadur	1/5 indiviz ta' lok tad-djar nru 148 u 149 fi Triq San Blas – 115 m.k.	Camilleri Francesco	425081M	1458/06 Gozo
Nadur	*1/5 undivided share of the premises no. 148 & 149 in Triq San Blas – 115 s.m.*	*Camilleri Francesco*	*425081M*	
Nadur	1/5 indiviz ta' lok tad-djar nru 153,153A,154,154A,155,156 fi Triq San Blas – 430 m.k.	Camilleri Francesco	425081 M	1459/06 Gozo
Nadur	*1/5 undivided share of the premises no. 153,153A,154,154A,155,156 in Triq San Blas – 430 s.m.*	*Camilleri Francesco*	*425081 M*	
Nadur	½ indiviz ta' fond bil-mandra annessa bl-isem "New York" fi Triq San Gakbu	Muscat Pauline	44251 G	1490/06 Gozo
Nadur	*½ undivided share of the premises named "New York" in Triq San Gakbu*	*Muscat Pauline*	*44251 G*	
Nadur	½ indiviz ta' mezzanin nru 53 fi Triq San Gakbu	Muscat Pauline	44251 G	1491/06 Gozo
Nadur	*½ undivided share of the premises no 53 in Triq San Gakbu*	*Muscat Pauline*	*44251 G*	
Nadur	1/40 indiviz mid-dar nru 32 fi Triq il-Mithna l-Qadima	Buttigieg Angela sive Gulina	6840 G	1502/06 Gozo
Nadur	*1/40 undivided share of the house no 32 in Triq il-Mithna il-Qadima*	*Buttigieg angela sive Gulina*	*6840 G*	
Nadur	Korrezzjoni fuq LRA G 188/05	Vella Joseph et	78041 G	1506/06 Gozo
Nadur	*Correction of LRA G 188/05*	*Vella Joseph et*	*78041 G*	
Nadur	5/12 indiviz tad-dar nru 1 fi Triq San Gakbu	Saliba Mary	71949 G	1539/06 Gozo
Nadur	*5/12 undivided share of the house no. 1 in Triq San Gakbu*	*Saliba Mary*	*71949 G*	
Nadur	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Grunju" – 299.88 m.k.	Debono Rosaria sive Lucy et	15755 G	1577/06 Gozo
Nadur	*½ undivided share of the portion of land known as "Ta' Grunju" -299.88 s.m.*	*Debono Rosaria sive Lucy et*	*15755 G*	
Nadur	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Grunju" – 436.8 m.k.	Debono Rosaria sive Lucy et	15755 G	1578/06 Gozo
Nadur	*½ undivided share of the portion of land known as "Ta' Grunju" – 436.8 s.m.*	*Debono Rosaria sive Lucy et*	*15755 G*	
Nadur	5/12 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Ta' Grunju" – 436.8 m.k.	Debono Rosaria sive Lucy et	15755 G	1579/06 Gozo
Nadur	*5/12 undivded share of the portion of land know as "Ta' Grunju" – 436.8 s.m.*	*Debono Rosaria sive Lucy et*	*15755 G*	
Nadur	5/12 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Grunju" – 299.88 m.k.	Debono Rosaria sive Lucy et	15755 G	1580/06 Gozo
Nadur	*5/12 undivided share of the portion of land known as "Ta' Grunju" – 299.88 s.m.*	*Debono Rosaria sive Lucy et*	*15755 G*	
Nadur	5/6 indiviz ta' lok tad-djar nru 39 fi Triq Grunju	Debono Rosaria sive Lucy et	15755 G	1581/06 Gozo
Nadur	*5/6 undivided share of the premises no. 39 in Triq Grunju*	*Debono Rosaria sive Lucy et*	*15755 G*	
Nadur	Fond minghajr nru. fi Triq Dahlet Qorrot	Xuereb John	16251 G	1590/06
Nadur	*The unnumbered boathouse in Triq Dahlet Qorrot*	*Xuereb John*	*16251 G*	
Nadur	1/3 indiviz tal-fond nru 104,105 u 106 fi Triq San Gwann	Rev. Kan. Dun Piju	20126G	1595/06 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Nadur	*1/3 undivided share of the premises no. 104, 105 & 106 in Triq San Gwann*	*Rev. Kan. Dun Piju*	*20126G*	
Nadur	11/36 indiviz mill-mandra retrostanti l-fond nru 104, 105 u 106 – 468.8 m.k fi Triq San Gwann			
Nadur	*11/36 undivided share of the back garden to the premises no 104,105 & 106 – 468.8 s.m. in Triq San Gwann*			
Nadur	4/15 indivizi mill-porzjon art maghrufa "Ta' Wied Bingemma sive Ta' San Blas" – 349.7 m.k.	Rev. Kan Dun Piju	20126G	1597/06 Gozo
Nadur	*4/15 undivided share of the portion of land known as "Ta' Wied Bingemma sive Ta' San Bals" – 349.7 s.m.*	*Rev. Kan. Dun Piju*	*20126G*	
Nadur	Fond bl-isem "Sweet Lord" fi Triq ir-Rabat	Sciberras Mario et	16758G	1604/06 Gozo
Nadur	*Premises named "Sweet Lord" in Triq ir-Rabat*	*Sciberras Mario et*	*16758G*	
Nadur	L-appartament minghajr nru li jinsab fuq il-first floor u l-arja sovrastanti mieghu li jaghmel parti mill-blokk minghajr nru. Fi Triq it-Tigrija	Dutton Jacqueline Ann		1627/06 Gozo
Nadur	*The unnumbered apartment on the first floor and its free airspace forming part of the unnumbered development in Triq it-Tigrija*	*Dutton Jacqueline Ann*		
Qala	Korrezzjoni fuq LRA G 156/88	Entijiet Ekklesjastici		1455/06 Gozo
Qala	*Correction of LRA G 156/88*	*Ecclesiatical Entities*		
Qala	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Tal-andar" – 281.4 m.k.	Xerri Michael et		1461/06 Gozo
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as "Tal-andar" – 281.4 s.m.*	*Xerri Michael et*		
Qala	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Tal-andar" – 22.5 m.k.	Xerri Michael et		1462/06 Gozo
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as "Tal-andar" – 22.5 s.m.*	*Xerri Michael et*		
Qala	Korrezzjoni fuq LRA G 1105/04	Portelli Conette	4556 G	1465/06 Gozo
Qala	*Correction of LRA G 1105/04*	*Portelli Conette*	*4556 G*	
Qala	Korrezzjoni fuq LRA G 1107/04	Portelli Conette et	4556 G	1466/06 Gozo
Qala	*Correction of LRA G 1107/04*	*Portelli Conette et*	*4556 G*	
Qala	Korrezzjoni fuq LRAG 837/06	Vella Cindy et		1486/06 Gozo
Qala	*Correction of LRAG 837/06*	*Vella Cindy et*		
Qala	Korrezzjoni fuq LRAG 856/06	Buttigieg Carmelo et	58833G	1487/06 Gozo
Qala	*Correction of LRAG 856/06*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833G*	
Qala	Korrezzjoni fuq LRAG 838/06	Vella Cindy et		1488/06 Gozo
Qala	*Correction of LRAG 838/06*	*Vella Cindy et*		
Qala	Korrezzjoni fuq LRAG 854/06	Buttigieg Carmelo et	58833 G	1489/06 Gozo
Qala	*Correction of LRAG 854/06*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833 G*	
Qala	Korrezzjoni fuq LRAG 836/06	Vella Cindy et		1492/06 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Qala Qala	*Correction of LRAG 836/06* Korrezzjoni fuq LRAG 848/06	*Vella Cindy et* Buttigieg Carmelo et	58833 G	1493/06 Gozo
Qala Qala	*Correction of LRAG 848/06* Korrezzjoni fuq LRAG 835/06	*Buttigieg Carmelo et* Vella Cindy et	*58833 G*	1494/06 Gozo
Qala Qala	*Correction of LRAG 835/06* Korrezzjnoi fuq LRAG 853/06	*Vella Cindy et* Buttigieg Carmelo et	58833 G	1495/06 Gozo
Qala Qala	*Correction of LRAG 853/06* Korrezjoni fuq LRAG 840/06	*Buttigieg Carmelo et* Vella Cindy et	*58833 G*	1496/06 Gozo
Qala Qala	*Correction of LRAG 840/06* Korrezzjoni fuq LRAG 852/06	*Vella Cindy et* Buttigieg Carmelo et	58833 G	1497/06 Gozo
Qala Qala	*Correction of LRAG 852/06* Korrezzjoni fuq LRAG 845/06	*Buttigieg Carmelo et* Vella Cindy et	*58833 G*	1498/06 Gozo
Qala Qala	*Correction of LRAG 845/06* 2/10 indiviz tad-dar nru 193 fi Triq Wardija	*Vella Cindy et* Buttigieg Carmelo et	58833 G	1499/06 Gozo
Qala	*2/10 undivided share of the house no 193 in Triq Wardija*	*Buttigieg Carmelo et*	*58833 G*	
Qala	½ indiviz mill-fond minghajr isem imam bin-nru 28 fi Triq il-Mithna	Axiak Grace et	28348 G	1514/06 Gozo
Qala	*½ undivided share of the premises no. 28 without name in Triq il-Mithna*	*Axiak Grace et*	*28348 G*	
Qala	1/6 indiviz mill-porzjoni diviza t'art msejha "Tal-Gnien" – 282 m.k.	Axiak Grace et	28348 G	1515/06 Gozo
Qala	*1/6 undivided share of the divided portion of land known as "Tal-Gnien" – 282 s.m.*	*Axiak Grace et*	*28348 G*	
Qala	1/6 indiviz mill-porzjoni diviza t'art msejha "Ta' Zoqjina" – 62 m.k.	Axiak Grace et	28348 G	1516/06 Gozo
Qala	*1/6 undivided share of the divided portion of land known as "Ta' Zoqjina" – 62 s.m.*	*Axiak Grace et*	*28348 G*	
Qala	1/6 indiviz mill-porzjoni diviza t'art msejha "Fejn ta' Dici sive Tal-Bhajra" – 112 m.k.	Axiak Grace et	28348 G	1517/06 Gozo
Qala	*1/6 undivided share of the divided portion of land known as "Fejn ta' Dici sive Tal-Bhajra" – 112 s.m.*	*Axiak Grace et*	*28348 G*	
Qala	1/6 indiviz mill-porzjoni diviza t'art msejha "Ta' Barra sive Tal-Lajk ta' Barra" 151 m.k.	Axiak Grace et	28348 G	1518/06 Gozo
Qala	*1/6 undivided share of the divided portion of land known as "Ta' Barra sive Tal-Lajk ta' Barra" 151 s.m.*	*Axiak Grace et*	*28348 G*	
Qala	1/6 indiviz mill-porzjoni diviza t'art msejha "Ta' Gewwa sive Ta' Ghonq il-Wileg" 143 m.k.	Axiak Grace et	28348 G	1519/06 Gozo
Qala	*1/6 undivided share of the divided portion of land known as "Ta' Gewwa sive Ta' Ghonq il-Wileg" 143 s.m.*	*Axiak Grace et*	*28348 G*	
Qala	1/6 indiviz mill-porzjoni diviza t'art msejha "Ta' Barra sive Ta' Ghonq il-Wileg" – 195 m.k.	Axiak Grace et	28348 G	1520/06 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Qala	*1/6 undivided share of the divided portion of land known as "Ta' Barra sive Ta' Ghonq il-Wileg" – 195 s.m.*	*Axiak Grace et*	*28348 G*	
Qala	1/6 indiviz mill-porzjoni diviza t'art msejha "Ta' Meilaq" 96 m.k	Axiak Grace et	28348 G	1521/06 Gozo
Qala	*1/6 undivided share of the divided portion of land known as "Ta' Meilaq" 96 s.m.*	*Axiak Grace et*	*28348 G*	
Qala	1/6 indiviz mill-porzjoni diviza t'art msejha "Ta' Gewwa sive Tal-Lajk" 126 m.k.	Axiak Grace et	28348 G	1522/06 Gozo
Qala	*1/6 undivided share of the divided portion of land known as "Ta' Gewwa sive Tal-Lajk" 126 s.m.*	*Axiak Grace et*	28348 G	
Qala	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Nofsinhar" – 82 m.k	Spiteri Maria	66948 G	1523/06 Gozo
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Nofsinhar" – 82 s.m.*	*Spiteri Maria*	*66948 G*	
Qala	Korrezzjoni fuq LRA G 1164/06	Spiteri Maria	66948 G	1524/06 Gozo
Qala	*Correction of LRA G 1164/06*	*Spiteri Maria*	*66948 G*	
Qala	Korrezzjoni fuq LRA G 1167/06	Spiteri Maria	66948 G	1525/06 Gozo
Qala	*Correction of LRA G 1167/06*	*Spiteri Maria*	*66948 G*	
Qala	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Nofsinhar" – 82 m.k	Spiteri Maria	66948 G	1526/06 Gozo
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Nofsinhar" – 82 s.m.*	*Spiteri Maria*	*66948 G*	
Qala	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ta' Semper" – 1015 m.k.	Spiteri Maria	66948 G	1527/06 Gozo
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Semper" – 1015 s.m.*	*Spiteri Maria*	*66948 G*	
Qala	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Tal-Wileg" 1009 m.k.	Spiteri Maria	66948 G	1528/06 Gozo
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as "Tal-Wileg" – 1009 s.m.*	*Spiteri Maria*	*66948 G*	
Qala	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala"Ta' Kaxxett" – 204 m.k.	Spiteri Maria	66948 G	1529/06 Gozo
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as "Ta' Kaxxett" – 204 s.m.*	*Spiteri Maria*	*66948 G*	
Qala	½ indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ix-Xaghra tal-Guvni" 1008 m.k.	Spiteri Maria	66948 G	1530/06
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as "Ix-Xaghra tal-Guvni" 1008 s.m.*	*Spiteri Maria*	*66948 G*	
Qala	Maisonette minghajr nru u minghajr isem li tinsab fl-elevated ground floor level u tifforma parti minn blokk bini minghajr nru u minghajr isem u l-garage nru 1 fis-semi basement level fi Triq il-Kuncizzjoni	Cassar Maria		1572/06 Gozo
Qala	*Maisonette without name and without no. which is built on the elevated ground floor level and which forms part of the block without name and without no. and the garage no. 1 in the semi basement level in Triq il-Kuncizzjoni*	*Cassar Maria*		
Qala	Maisonette internament nru 2 fil-first floor u tifforma parti minn blokk bini minghajr isem u minghajr nru u il-garage nru 2 fi Triq il-Kuncizzjoni	Lloyd Owen et		1573/06 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Qala	*Maisonette internally known as no.2 on the first floor and which forms part of the block without name and without no. and the garage no 2 in Triq il-Kuncizzjoni*	*Lloyd Owen et*		
Qala	Korrezzjoni fuq property no 48002027	Il-Gvern ta' Malta		1574/06 Gozo
Qala	*Correction on property no 48002027*	*The Government of Malta*		
Qala	Fond nru 174 fi Triq il-Wardija	Buttigieg Emanuel et	5931 G	1588/06 Gozo
Qala	*Premises no. 174 in Triq il-Wardija*	*Buttigieg Emanuel et*	*5931 G*	
Qala	Porzjona art maghrufa bhala "Ta' Qasis" – 129.9 m.k.	Cefai Carmen	16975G	1598/06 Gozo
Qala	*Portion of land known as "Ta' Qasis" – 129.9 s.m.*	*Cefai Carmen*	*16975G*	
Rabat, Ghawdex	It-Temporanju Dirett Dominju fuq il-Plot A – 140 mill-porzjon art maghrufa bhala "Ta' Mliet" – 249 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		1450/06 Gozo
Rabat, Ghawdex	*The Temporary Direct Dominium of Plot A – 140 from the land known as "Ta' Mliet" – 249 s.m.*	*The Government of Malta*		
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' porzjon art msejjah "Ta' Beraq" – 308.6 m.k.	Mizzi Lawrence et	280074M	1608/06 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of the portion of land known as "Ta' Beraq" – 308.6 s.m.*	*Mizzi Lawrence et*	*280074M*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Ix-Xaghri tac-Cnus" – 1748 m.k.	Mizzi Lawrene et	280074M	1609/06 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of a portion of land known as "Ix-Xaghri tac-Cnus" – 1748 s.m.*	*Mizzi Lawrence et*	*280074M*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' porzjon raba' msejjah "Tac-Cnus" - 1570 m.k.	Mizzi Lawrence et	280074M	1610/06 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of a portion of land known as "Tac-Cnus" – 1570 s.m.*	*Mizzi Lawrence et*	*280074M*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Wied Pisklu " – 38.57 m.k.	Mizzi Lawrence et	280074M	1611/06 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of a portion of land known as "Wied Pisklu" – 38.57 s.m.*	*Mizzi Lawrence et*	*280074M*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Wied Pisklu " – 173 m.k.	Mizzi Lawrence et	280074M	1612/06 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of a portion of land known as "Wied Pisklu" – 173 s.m.*	*Mizzi Lawrence et*	*280074M*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Wied Pisklu " – 160 m.k.	Mizzi Lawrence et	280074M	1613/06 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of a portion of land known as "Wied Pisklu" – 160 s.m.*	*Mizzi Lawrence et*	*280074M*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Tal-Port" – 749.4 m.k.	Mizzi Lawrence et	280074M	1614/06 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of a portion of land known as "Tal-Port" – 749.4 s.m.*	*Mizzi Lawrence et*	*280074M*	
Sannat	½ indiviz ta' fond nru 59 u 60 fi Triq il-Kbira	Bajada Paul et	72627G	1475/06 Gozo
Sannat	*½ undivided share of the premises no. 59 & 60 in Triq il-Kbira*	*Bajada Paul et*	*72627G*	
Sannat	2/3 indiviz ta' lok tad-djar nru 6,7 u 8 fi Triq Marsilja	Buttigieg Frances	55455 G	1586/06 Gozo
Sannat	*2/3 undivided share of the premises no. 6,7 & 8 in Triq Marsilja*	*Buttigieg Frances*	*55455 G*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Sannat	1/3 indiviz ta' lok tad-djar nru 6,7 u 8 fi Triq Marsilja	Buttigieg Saviour et	458 G	1587/06 Gozo
Sannat	*1/3 undivided share of the premises no. 6,7 & 8 in Triq Marsilja*	*Buttigieg Saviour et*	*458 G*	
Sannat	¼ indiviz ta' porzjon diviza tal-fond bl-isem "Tulip" fi Triq Marsilja	Spiteri Joseph	50463 G	1591/06 Gozo
Sannat	*¼ undivided share of a divided portion of the premises named "Tulip" in Triq Marsilja*	*Spiteri Joseph*	*50463 G*	
Sannat	1/7 indiviz ta' porzjon art maghrufa bhala "Tal-Bur" – 765 m.k.	Vella Vincent et	27344G	1599/06 Gozo
Sannat	*1/7 undivided share of the portion of land known as "Tal-Bur" – 765 s.m.*	*Vella Vincent et*	*27344G*	
Sannat	Lok ta' djar nru 61 fi Triq Seguna	Terribile Maryanne et	15439G	1603/06 Gozo
Sannat	*Premises no. 61 in Triq Seguna*	*Terribile Maryanne et*	*15439G*	
Xaghra	Porzjon diviza t'art maghrufa bhala "Ta' Marsalforn" fi Triq Marsalforn – 118.1 m.k	Grima Lawrence et	39355 G	1507/06 Gozo
Xaghra	*Divided portion of land known as "Ta' Marsalforn" in Triq Marsalforn – 118.1 s.m.*	*Grima Lawrence et*	*39355 G*	
Xaghra	Porzjon diviza t'art maghrufa bhala "Ta' Marsalforn" – 100.8 m.k.	Grima Lawrence et	39355 G	1508/06 Gozo
Xaghra	*Divided portion of land known as "Ta' Marsalforn" 100.8 s.m.*	*Grima Lawrence et*	*39355 G*	
Xaghra	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Gajdoru" – 700 m.k.	Hili Antonia	62245 G	1543/06 Gozo
Xaghra	*Portion of land known as "Ta' Gajdoru" – 700 s.m.*	*Hili Antonia*	*62245 G*	
Xaghra	It-temporanju dirett dominju fuq il-fond nru 2 f'Vestru Street	Il-Gvern ta' Malta		1628/06 Gozo
Xaghra	*The temporary directum dominium on the tenement no. 2 in Vestru Street*	*The Government of Malta*		
Xaghra	Porzjon art -356 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		1632/06 Gozo
Xaghra	*Portion of land – 356 s.m.*	*The Government of Malta*		
Xewkija	Id-Dirett Dominju Perpetwu fuq porzjon art maghrufa bhala "Tal-Gharus" fi Triq l-Arcipriet Guzepp Grech – 150 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		1451/06 Gozo
Xewkija	The Perpetual Direct Dominium on the land known as "Tal-Gharus" in Triq l-Arcipriet Guzepp Grech – 150 s.m.	*The Government of Malta*		
Xewkija	Korrezzjoni fuq propjeta nru 65000354	Saliba Maria sive Giovanna et	44354G	1600/06 Gozo
Xewkija	*Correction on property no. 65000354*	*Saliba Maria sive Giovanna et*	*44354G*	

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, iċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.30 p.m.

Dott. Marlin Vella, LL.D.
għar-Reġistratur ta' l-Artijiet

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, the Administration Centre, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.30 p.m.

Dr Marlin Vella, LL.D.
For/Land Registrar

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 107

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52(1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf b'dan illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi se jiġu sospiżi fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar it-Tlieta, il-5 ta' Diċembru, 2006, mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Pellegrinaġġ, Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, l-inħawi fuq San Pawl, P.P. Caruana, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt u Pjazza Paolino Vassallo.

Nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Diċembru, 2006, mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, Rikardu Taylor, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, Santu Rokku u Ġanni Pace.

Nhar il-Ħamis, is-7 ta' Diċembru, 2006, mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Alessandra, il-Mitħna, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, il-Pellegrinaġġ, ix-Xatt, Santa Tereża, Pjazza Paolino Vassallo u Bieb Santa Liena.

Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Diċembru, 2006, mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġwann t'Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, Bieb Santa Liena, l-Inkurunazzjoni, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt, Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, sa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Diċembru, 2006, mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Hanover, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, Pjazza Santa Margerita, Pjazza Paolino Vassallo, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, mix-Xatt ta' Bormla sa Pjazza Paolino Vassallo, ħdejn il-Knisja Parrokjali, Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, l-inħawi tal-Knisja ta' San Pawl u P.P. Caruana.

Vetturi ma jitħallewx jipparkjaw fid-dati u l-ħinijiet imsemmija fit-toroq imsemmija hawn fuq. Vetturi li jinstabu pparkjati hemm jistgħu jiġu rmunkati.

L-14 ta' Novembru, 2006

POLICE NOTICE

No. 107

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles will be suspended through the streets mentioned hereunder on the dates and times indicated.

Cospicua

On Tuesday, 5th December, 2006, from 4.00 p.m. onwards, through the following streets: il-Pellegrinaġġ, Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, l-inħawi fuq San Pawl, P.P. Caruana, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt and Pjazza Paolino Vassallo.

On Wednesday, 6th December, 2006, from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, Rikardu Taylor, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, Santu Rokku and Ġanni Pace.

On Thursday, 7th December, 2006, from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Alessandra, il-Mitħna, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, il-Pellegrinaġġ, ix-Xatt, Santa Tereża, Pjazza Paolino Vassallo and Bieb Santa Liena.

On Friday, 8th December, 2006, from 9.00 a.m. to 5.00 p.m. through the following streets: San Ġwann t'Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, Bieb Santa Liena, l-Inkurunazzjoni, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt, Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ up to the front of the Parish Church.

On Friday, 8th December, 2006, from 2.00 p.m. onwards, through the following streets: Hanover, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, Pjazza Santa Margerita, Pjazza Paolino Vassallo, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, from ix-Xatt ta' Bormla to Pjazza Paolino Vassallo, near the Parish Church, Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, St Paul's Church area and P.P. Caruana.

Vehicles are not allowed to park on the dates and times in the above mentionted streets. Vehicles found parked there will be subject to towing.

14th November, 2006

FORZI ARMATI TA' MALTA

Matul ix-xahar ta' Diċembru 2006, il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar minn Pembroke *Ranges* fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

Il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn l-4 ta' Diċembru sal-Ħamis is-7 ta' Diċembru 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn il-11 ta' Diċembru sat-Tlieta t-12 ta' Diċembru 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mill-Ħamis l-14 ta' Diċembru sal-Ġimgħa l-15 ta' Diċembru 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn it-18 ta' Diċembru sal-Ġimgħa t-22 ta' Diċembru 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tlieta is-26 ta' Diċembru sal-Ġimgħa d-29 ta' Diċembru 2006 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l bogħod mill-kosta ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Bnadar ħomor jittellgħu mil-limiti tar-*ranges* relatati.

L-14 ta' Novembru, 2006

ARMED FORCES OF MALTA

During the month of December 2006, the Armed Forces of Malta will be holding live firing practice at Pembroke Ranges on the dates and times indicated hereunder:

Friday, 1st December 2006, between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday 4th December to Thursday 7th December 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday 11th December to Tuesday 12th December 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Thursday 14th December to Friday 15th December 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday 18th December to Friday 22nd December 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Tuesday 26th December to Friday 29th December 2006 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above dates and times.

Red flags are flown from the limits of the ranges concerned.

14th November, 2006

KUNSILL TAL-PROFESSJONIJIET KUMPLIMENTARI GĦALL-MEDIĊINA

Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464)

Stedina biex tapplika biex tirreġistra fir-Reġistru tal-Psikoterapija

Ngħarrfu b'dan illi skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464) Artikolu 28 (1), il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina jirregola wkoll il-professjoni ta' Psikoterapija. Għaldaqstant, persuni li jipprattikaw il-Psikoterapija għandhom japplikaw biex jiġu kkunsidrati għar-reġistrazzjoni ma' dan il-Kunsill fl-Uffiċċju tar-Reġistratur, 181, Triq Melita, Valletta, bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar u s-2.00 p.m. u l-4.00 p.m. għal xi diffikultà, wieħed jista' jċempel lir-Reġistratur fuq 21255540.

Kif stipulat fl-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, Artikolu 25 (1):-

COUNCIL FOR THE PROFESSIONS COMPLEMENTARY TO MEDICINE

Health Care Professions Act (Cap. 464)

Invitation to apply for registration to enter in the Psychotherapy Register

It is hereby notified that in accordance with the Health Care Professions Act (Cap. 464), Article 28 (1), the Council for the Professions Complementary to Medicine also regulates the profession of Psycotherapy. Therefore, Psycotherapists are invited to apply to be considered for registration by the said Council at the Office of the Registrar, 181, Triq Melita, Valletta, between 9.00 a.m. and noon and 2.00 p.m. and 4.00 p.m. For any queries, one can call the Registrar on 21255540.

As stated in the Health Care Professions Act, Article 25 (1):–

"Ħadd ma għandu jeżerċita xi professjonijiet kumplimentari għall-mediċina kemm-il darba ismu ma jkunx imniżżel fir-reġistru rispettiv miżmum mill-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att."

Gillian Mifsud
Reġistratur
Kunsill tal-Professjonijiet
Kumplimentari għall-Mediċina

L-14 ta' Novembru, 2006

"No person shall practice any of the professions complementary to medicine unless his name is entered in the respective register kept by the Council for the Professions Complementary to Medicine, in accordance with the provisions of this Act".

Gillian Mifsud
Registrar
Council for the Professions
Complementary to Medicine

14th November, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' *Casual Cleaners* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf li jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fuq lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkunsidrati għall-impieg bħala *Cleaners* fuq bażi *Casual* f'dawn l-Iskejjel ta' l-Istat:

Skola Sekondarja tal-Bniet Kan. P. Pullicino, Triq Ferris, ir-Rabat

Skola Sekondarja Ogħla G. Curmi, Triq Ġdida fi Triq il-Kbira, in-Naxxar.

Skola Speċjali Helen Keller, Triq Kurat Mizzi, il-Qrendi.

2. L-ordni tal-mertu tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

3. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaner* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għall-matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-sajf jew inkella matul parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet siegħat kuljum wara l-ħin ta' l-iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.57 għal kull siegħa

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Cleaners in the Education Division

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State Schools, if and when the need arises:

Can. P. Pullicino Girls' Secondary School, Triq Ferris, Rabat

G. Curmi Higher Secondary School, New Street in Main Street, Naxxar

Helen Keller Special School, Triq Kurat Mizzi, Qrendi.

2. The final order of merit will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.57 for every hour

maħduma. Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-U.E. dwar il-moviment ħieles tal-persuni; (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti.

Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati li hemm riferenza għaliha fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjonijiet).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati. Applikanti li għalqu il-61 sena mhumiex eliġibbli li japplikaw.

9. (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil

worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply; (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation.

This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities). Applicants who are 61 years or over are not eligible to apply.

9. (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable

raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naha tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post.

11. Kull min hu interessat jista' jiġbor il-formoli ta' l-applikazzjoni mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola kkonċernata.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, it-30 ta' Novembru, 2006.

13. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-ħin stess.

14. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l- applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

L-14 ta' Novembru, 2006

accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of school and copied to the NCPD.

10. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

11. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the school.

12. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Thursday, 30th November, 2006.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Secretary of the School Council at the time of delivery.

14. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary, within seven days.

14th November, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Second Secretary* fis-Servizz Diplomatiku tal-Gvern ta' Malta

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Second Secretary* fis-Servizz Diplomatiku ta' Malta.

2. Il-post ta' *Second Secretary* għandu salarju ta' Lm 5,590 fis-sena, u jitla' b'żidiet ta' Lm175 kull sena sa massimu ta' Lm6,640 (Skala ta' salarju 10).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sentejn, hija fuq bażi *full-*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Second Secretary in the Diplomatic Service of the Government of Malta

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Second Secretary in the Diplomatic Service of Malta.

2. The post of Second Secretary carries a salary of Lm5,590 per annum, rising by annual increments of Lm 175, up to a maximum of Lm 6,640 (Salary Scale 10).

3. The appointment, which is subject to a probationary

time, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin b'mod partikolari. Il-persuni nominati jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Is-Servizz Diplomatiku joffri karriera interessanti u varjata li teħtieġ kwalitajiet speċjali. Joffri wkoll possibilitajiet ta' safar u tagħlim mhux normalment assoċjati ma' opportunitajiet oħra fis-Servizz Pubbliku ta' Malta. Dawk nominati jkunu qed jirrappreżentaw l-interessi ta' Malta fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi oħra. Il-karriera toffri prospetti tajba għall-promozzjoni, fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti.

5. Is-Servizz Diplomatiku jifforma karriera separata u distinta fis-Servizz Pubbliku ta' Malta. Kundizzjoni ewlenija f'dan is-servizz hija li jeżisti l-obbligu ta' servizz fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin f'Malta jew barra minn Malta, kif u meta jkun meħtieġ u skond ir-regoli u l-kundizzjonijiet tal-Ministeru.

6. Id-dmirijiet ta' *Second Secretary* jinkludu t-twettiq ta' dawn il-ħidmiet, taħt it-tmexxija ta' uffiċjali anzjani tal-Ministeru.

(a) jipprepara *briefs*, rapporti, *analytical* u *background papers*, kif ukoll jagħmel riċerka fuq l-attivitajiet tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin;

(b) jaqdi dmirijiet ta' rappreżentanza, f'Malta u barra bil-għan li tintlaħaq il-politika barranija ta' Malta. Dan jinkludi parte-ċipazzjoni f'laqgħat u konferenzi;

(ċ) jagħmel ħidma biex jippromwovi r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ta' Malta ma' pajjiżi oħra;

(d) jaqdi dmirijiet konsolari bil-għan li jitħarsu l-interessi ta' ċittadini Maltin barra minn Malta;

(e) dmirijiet ta' amministrazzjoni u koordinazzjoni, inkluż xogħol ta' *accounts* u impjegati, kemm fl-Uffiċċju Ewlieni kif ukoll fl-Ambaxxati barra minn Malta.

7. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta (l-applikanti jridu jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità tagħhom flimkien ma' fotokopja ma' l-applikazzjoni);

(b) ikollhom *Degree* Universitarju rikonoxxut jew l-approvazzjoni ta' l-Università li kkwalifikaw għad-*degree*. Dawk l-applikanti li għad m'għandhomx *degree* universitarju meħtieġ għandhom iġibu evidenza sodisfaċenti mill-Università fejn iggradwaw li huma ġew approvati għall-għoti tad-*degree*;

period of two (2) years, is on a full time basis, and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general, and the Ministry of Foreign Affairs in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The Diplomatic Service offers an interesting and varied career, requiring specific aptitudes. It provides opportunities for meeting people from other countries, both in Malta and abroad, and learning and sharing unique experiences not otherwise associated with other openings in the Malta Public Service. Appointees will be representing the interests of Malta in its relations with other countries. The career offers good prospects for eventual promotion on the basis of performance.

5. Diplomatic Service constitutes a separate and distinct career structure within the Malta Public Service. A primary condition for joining the Diplomatic Service is a binding commitment by the applicant to serve overseas as, where and when considered necessary by the Ministry of Foreign Affairs, and in accordance with its relevant rules and regulations.

6. The duties of Second Secretary include the performance of the following tasks, under the direction of senior Ministry officials:

(a) preparing briefs, reports, analytical and background papers, and undertaking research in support of the activities of the Ministry of Foreign Affairs;

(b) carrying out representational duties in Malta and overseas in pursuance of Malta's foreign policy objectives, including participation in conferences and meetings;

(c) undertaking activities for the promotion of Malta's commercial and economic relationships with other countries;

(d) performing consular duties to assist and protect the interests of Maltese citizens abroad;

(e) carrying out administrative and coordinative duties, including financial and personnel work, at Head Office or in the Missions overseas.

7. Applicants must:

(a) be citizens of Malta (applicants are to produce their official Identity Card and a photocopy thereof along with their application);

(b) be in possession of a recognised University degree or have been approved by the University for the award of that degree; Applicants who have not yet been formally awarded the required degree are to produce satisfactory evidence from the University concerned that they have been approved by that University for the award of the degree.

(ċ) ikunu jafu żewġ ilsna barranin, minbarra l-Malti u l-Ingliż (l-applikanti għandhom jispeċifikaw iż-żewġ lingwi l-oħra).

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record* (GP47). Dawk li japplikaw minn barra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jiddikjaraw jekk qatt kinux jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

8.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għal dan il-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, sakemm ukoll ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodifax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet u kkupjata lill-KNDP.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikat u/jew dokumenti. (Fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġu aċċertati li huma adatti għal dan il-post.

(c) have a knowledge of two foreign languages, besides Maltese and English. (Applicants are to specify these two other languages).

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Police Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service before, giving details).

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Examinations Department and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applicationsġ originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Matul is-sentejn ta' prova, il-kandidati magħżula, ikollhom jattendu korsijiet f'Malta u barra minn Malta, u jagħmlu taħriġ f'istituzzjonijiet ta' tagħlim u fl-Ambaxxati ta' Malta skond kif ikun meħtieġ mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Il-kandidati magħżula li jsiefru biex jagħmlu korsijiet jintrabtu bil-kundizzjonijiet rilevanti skond il-*Public Service Management Code*.

12. Il-Proċess ta' l-Għażla jkun jikkonsisti f'żewġ partijiet:

(i) L-Ewwel Parti tkun tikkonsisti minn żewġ eżamijiet bil-miktub u t-Tieni Parti minn intervista estensiva;
(ii) Il-massimu tal-marki f'kull wieħed mill-eżamijiet bil-miktub kif ukoll fl-intervista estiża huwa ta' 200 marka.

13.1 L-eżami bil-miktub jikkonsisti f'żewġ partijiet, b'kull parti ġġorr total ta' 200 marka:

A. L-Ewwel Karta (3 sigħat) tikteb fil-qosor, mistoqsijiet *multiple choice* fuq ġrajjiet kurrenti u test fil-lingwi barranin (ara paragrafu 7ċ), fejn huwa mistenni li ssir traduzzjoni ta' silta mill-Ingliż għal-lingwi magħżula (200 marka).

B. It-Tieni Karta (3 sigħat) Il-kandidati jridu jagħżlu tliet mistoqsijiet, b'waħda minnhom trid bilfors tkun fuq politika barranija ta' Malta. Waħda mit-tweġibiet trid tkun imwieġba bil-Malti. (200 marka).

13.2 Il-*pass mark* f'kull wieħed mill-eżamijiet bil-miktub hija ta' 50% imma biex tkun eliġibbli għall-intervista persuna trid iġġib 60% tal-marki globali ta' l-Ewwel Parti. Il-*pass mark* globali ta' l-Ewwel Parti hija ta' 60% tal-marki.

14. Dawk il-kandidati biss li jissodisfaw paragrafu 13.2 ikunu jistgħu sabiex jersqu għall-intervista estiża. Din il-parti ġġorr total ta' 200 marka u tkun tikkonsisti fi:

A. Preżentazzjoni Orali. Il-kandidati jiġu eżaminati fuq kemm huma fluwenti, ċari u kapaċi jesprimu ruħhom, kif ukoll fl-għarfien fis-suġġetti magħżula. Jittellgħu żewġ temi bil-polza bħala għażla (4-8 minuti) (100 marka).

B. Intervista Personali. Il-kandidati jiġu evalwati fuq id-dispożizzjoni tagħhom lejn karriera fis-Servizz Diplomatiku (100 marka).

Aktar dettalji jinstabu fl-aħħar ta' din in-notifika.

15. L-Ewwel Parti (l-eżamijiet bil-miktub) jitmexxa mid-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu ġurisdizzjoni sħiħa u s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li waqt l-eżami jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ta' ksur tar-regolamenti li jkunu tqassmu lill-kandidati.

11. During their two-year probationary period, selected candidates, if so required by the Ministry of Foreign Affairs, must attend courses in Malta or abroad, and undertake any training in learning institutions and in Maltese Missions abroad. When proceeding to follow courses abroad, the selected applicants will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

12. The Selection Process shall consist of two parts:

(i) Part I consists of two written papers and Part II consists of an extended interview;
(ii) The maximum mark obtainable in each of the written papers and in the interview is 200 marks.

13.1 The Written Examination shall consist of two parts, with each paper carrying a maximum of 200 marks:

A. Paper 1 (3 _ hrs) Précis Writing, a set of multiple choice questions on current affairs and a test in foreign languages (see paragraph 7(c) above), other than Maltese and English. Candidates will be expected to translate a short text from English into the chosen languages (200 marks).

B. Paper 2 (3hrs) Candidates will have to choose three questions – one of which on Malta's foreign policy will be compulsory. One question must be answered in the Maltese language (200 marks).

13.2 The pass mark in each of the written papers is 50% but to be eligible for the extended interview a candidate must obtain in Part I an aggregate total of 60% of the marks. The overall pass mark in Part I is 60%.

14. Only candidates who satisfy paragraph 13.2 will be summoned for the extended interview. This part carries a total weight of 200 marks and shall consist of:

A. An Oral Presentation. Candidates will be tested on communication skills and clarity of expression and delivery, as well as on the knowledge of the subject chosen. Two topics will be drawn to offer an option – (4-8 minutes). (100 marks).

B. Personal Interview. Candidates will be assessed on their aptitude towards a career in the diplomatic service. (100 marks).

More details are at the end of this notice.

15. Part I (the written papers) will be conducted by the Director (Examinations) and the Board of Local Public Examinations. The Board of Local Public Examinations will have complete jurisdiction and will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

16. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun ta' l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

16. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

17. Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jippubblika r-riżultat ta' l-eżami bil-miktub fuq in-*notice board* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, u dik taċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

17. The Director (Examinations) will publish the result of the written examination, which will be exhibited on the notice-board of the Department of Examinations, Floriana, and the Examination Centre, Victoria, Gozo.

18. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jidher ukoll fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet li hija www.exams.gov.mt.

18. A notification of the publication of the result will be issued in the Government Gazette and will also appear on the website of the Examinations Department where it may be accessed on www.exams.gov.mt

19. Talba għar-reviżjoni ta' karti ta' l-eżamijiet għandha tiġi sottomessa lid-Direttur ta' l-Eżamijiet fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż imsemmi f'paragrafu 18.

19. Requests for revision of papers are to be submitted to the Director (Examinations) within ten (10) working days from the date of publication of the notification mentioned in paragraph 18.

20. Wara li r-riżultat ta' l-eżami bil-miktub jiġi ppubblikat, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tibgħat għal dawk il-kandidati li jkunu għaddew biex jattendu għal intervista li tkun immexxija minn Bord ta' l-Għażla maħtur mill-Kummissjoni.

20. After the publication of the result of the written examination, the Public Service Commission will ask the successful candidates to attend for the extended interview which will be conducted by a Selection Board appointed by the Commission.

21. L-ordni finali tal-kandidati tiġi determinata mill-marki totali li jinkisbu fl-eżami bil-miktub u fl-intervista. Fil-każ li jkun hemm kandidati li jġibu l-istess numru ta' marki, il-preċedenza tingħata skond il-proċeduri stabbiliti. Ir-riżultat ta' l-eżami jibqa' jgħodd għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni.

21. The final order of merit of successful candidates will be determined by the total marks gained in the written examination and in the interview. In the case of candidates who obtain the same number of marks, precedence will be determined in accordance with established procedures. The result will remain valid for one (1) year from the date of publication.

22. Ir-riżultat finali tal-proċess ta' l-għażla jkun ippubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

22. The final result and order of merit will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta.

23. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jidher ukoll fuq il-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

23. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

24. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu ssottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-

24. Petitions objecting to the final result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the

pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, kif imsemmi f'paragrafu 23.

25. Il-formoli ta' l-applikazzjoni li huma biss aċċettati jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex min-nhar it-Tnejn, 20 ta' Novembru 2006, jew jistgħu jitniżżlu minn din il-*website:* www.exams.gov.mt

26. Dawn l-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP 47), photocopy* tal-karta ta' l-identità ta' l-applikant u l-miżata ta' l-eżami ta' Lm4 jintlaqgħu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Diċembru 2006.

27. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Diċembru 2006, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment tal-Eżamijiet mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet huwa +356 2598 2232 filwaqt li l-indirizz ta' l-*e-mail* huwa exams.department@gov.mt

25. The only application forms that will be considered are strictly those that may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo from Monday, 20th November 2006, or may be downloaded from the following website: www.exams.gov.mt

26. Applications accompanied by an up-to-date Service and Leave Record Form (GP 47), a photocopy of the applicants' official Identity Card, and an examination fee of Lm4 will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo up to noon of Friday, 15th December 2006.

27. Applications received from abroad by noon of Friday, 15th December 2006 through a fax or other similar message may be considered provided that all requisite details are given. In the case of such applications, the formal application duly signed by the applicant must reach the Examinations Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Examinations Department is + 356 2598 2232 and the email address is exams.department@gov.mt

SILLABU

L-EWWEL PARTI

EŻAMI BIL-MIKTUB

L-Ewwel Karta (3 sigħat)

(a) Tikteb fil-qosor (85 marka);

(b) Mistoqsijiet *multiple choice* fuq ġrajjiet kurrenti (85 marka);

(ċ) Test fil-lingwi barranin, jiġifieri barra l-Malti u l-Ingliż, fejn huwa mistenni li ssir traduzzjoni ta' silta fil-lingwi magħżula (30 marka).

Total: 200 marka

It-Tieni Karta (3 sigħat)

Il-kandidati jridu jagħżlu tliet mistoqsijiet, li waħda minnhom trid bilfors tkun fuq politika barranija ta' Malta. Waħda mit-tweġibiet trid tkun imwieġba bil-Malti. (200 marka).

Il-marki ta' din il-karta huma mqassmin hekk:

SYLLABUS

PART I

WRITTEN EXAMINATION

Paper 1 (3 1/2hrs)

(a) Precis writing (85marks);

(b) Set of questions on current affairs (multiple choice) (85 marks);

(c) Foreign Language Test. Candidates will be tested on the foreign languages, (which do not include Maltese and English). They will be expected to translate a short text from English into the chosen languages (30 marks).

Total marks: 200 marks

Paper 2 (3hrs)

Candidates have to choose three questions, one of which on Malta's Foreign Policy will be compulsory. One of the questions must be answered in the Maltese language.

The marks will be allocated as follows:

(a) Mistoqsija Obbligatorja	(100 marka)
(b) Mistoqsija mwieġba bil-Malti	(60 marka)
(ċ) Mistoqsija oħra magħżula	(40 marka)
Total:	**200 marka**

Il-*pass mark* f'kull wieħed mill-eżamijiet bil-miktub hija ta' 50% imma biex tkun eliġibbli għall-intervista persuna trid iġġib 60% tal-marki globali ta' l-Ewwel Parti. Il-*pass mark* globali ta' l-Ewwel Parti hija ta' 60% tal-marki.

IT-TIENI PARTI

L-INTERVISTA ESTIŻA (dawk il-kandidati li jkunu ġabu 60% tal-marki globali fl-Ewwel Parti, u 50% tal-marki f'kull karta, biss ikunu eliġibbli għat-Tieni Parti). Din il-parti ġġorr total ta' 200 marka u tkun tikkonsisti fi:

A. Preżentazzjoni Orali

Il-kandidati jiġu eżaminati fuq kemm huma fluwenti, ċari u kapaċi jesprimu ruħhom, kif ukoll kemm huma intiżi fis-suġġett magħżul. Żewġ suġġetti jittellgħu bil-polza bħala għażla (4-8 minuti) (100 marka).

Il-marki tal-Preżentazzjoni Orali huma mqassma hekk:

(a) Kemmikunu kapaċi biex jikkomunikaw u jkunu ċari fl-espressjoni verbali (35 marka)
(b) Kapaċità biex jesprimu ruħhom (35 marka)
(ċ) Kemm jafu fuq is-suġġett magħżul (30 marka)

Total: 100 marka

B. Intervista Personali.

Il-kandidati jiġu evalwati fuq id-disposizzjoni tagħhom lejn karriera fis-Servizz Diplomatiku (100 marka).

Il-marki ta' l-Intervista Personali huma mqassma hekk:

(a) Personalità	(30 marka)
(b) Imġiba	(30 marka)
(ċ) Abbilità ta' komprensjoni	(25marka)
(d) Disposizzjoni tal-kandidati lejn xogħol f'pajjiżi barranin	(15 marka)
Total:	**100 marka**

L-14 ta' Novembru, 2006

(a) Compulsory question	(100 marks)
(b) Maltese answer	(60 marks)
(c) Other choice	(40 marks)
Total marks:	**200marks**

The pass mark in each of the written papers is 50% but to be eligible for the extended interview a candidate must obtain in Part I an aggregate total of 60% of the marks. The overall pass mark in Part I is 60%.

PART II

EXTENDED INTERVIEW (only candidates who have obtained an aggregate 60% of the marks in Part I, and obtained 50% of the marks in each of the papers, will be eligible to proceed with this second part of the selection exercise)

A. Oral Presentation

Candidates will be tested on fluency and clarity of expression and delivery, as well as on the knowledge of the subject chosen. Two topics will be drawn to offer an option – (4-8 minutes) (100 marks).

The marks will be allocated as follows:

(a) Communication Skills and clarity of expression (35 marks)
(b) Fluency in delivery (35 marks)
(c) Knowledge of subject chosen (30 marks)

Total marks: 100 marks

B. Personal Interview

Candidates will be assessed on aptitude towards a career in the diplomatic service (100 marks).

The marks will be allocated as follows:

(a)Personality	(30 marks)
(b)Deportment	(30 marks)
(c)Quickness of Comprehension	(25 marks)
(d)Attitude to working Overseas	(15 marks)
Total marks:	**100 marks**

14th November, 2006

IL-KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Lecturing staff* fix-Xjenza Sportiva

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jingaġġa assistent lettur/lettur fix-Xjenza Sportiva biex tagħti korsijiet tal-BTEC fix-Xjenza Sportiva u ta' l-Eżerċizzju/ Żvilupp u *Fitness* f'Livelli 2 u 3.

L-applikanti għandu jkollhom kwalifika fix-Xjenza Sportiva jew suġġett relatat. Preferibbilment għandhom ikunu għalliema ta' l-Edukazzjoni Fiżika u/jew *coach* f'dixxiplina sportiva. Ikun ta' vantaġġ min ikollu *warrant* ta' għalliem.

L-applikanti huma meħtieġa li jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST mimlija fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Novembru 2006. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn dan l-indirizz:

Kampus Prinċipali ta' l-MCAST,
It-Telgħa ta' Kordin,
Raħal Ġdid PLA 08
Tel: 2398 7100 F a x: 2398 7316
www.mcast.edu.mt

L-14 ta' Novembru, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Lecturing staff in Sports Science

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit an assistant lecturer/lecturer in Sports Science to teach on the BTEC courses in Sports and Exercise Science/Development and Fitness at Levels 2 and 3.

Applicants should have a qualification in Sports Science or a related subject. Preferably they should be a P.E. teacher and/or a coach in a sports discipline. Possession of a teacher's warrant would be an advantage.

Applicants are required to submit the completed MCAST Application Form to the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Friday, 17th November 2006. Application forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. If further information is required, please refer to the address below.

MCAST Main Campus,
Corradino H i l l,
Paola P L A 0 8
Te l: 2398 7100 F a x: 2398 7316
www.mcast.edu.mt

14th November, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami ta' l-*EFL (English as a Foreign Language)* Novembru 2006

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li t-*timetables* ta' l-eżami li jidher hawn fuq intbagħtu lill-kandidati kkonċernati.

Dawk il-kandidati li ma rċevewx it-*timetables* huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew iċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

L-14 ta' Novembru, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

EFL (English as a Foreign Language) November 2006 Examination

The Director of Examinations notifies candidates that the timetables for the above mentioned examination have been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have failed to receive their timetables can contact the Department of Examinations, Floriana, or the Examinations Centre, Victoria, Gozo, immediately.

14th November, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

***European Computer Driving Licence (ECDL) Testing* - Novembru/Diċembru 2006**

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li t-*timetables* tat-test li jidher hawn fuq intbagħtu lill-kandidati kkonċernati.

Dawk il-kandidati li ma rċevewx it-*timetables* huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana.

L-14 ta' Novembru, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

European Computer Driving Licence (ECDL) Testing - November/December 2006

The Director of Examinations notifies candidates that the timetables for the above mentioned test have been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have failed to receive their timetables can contact the Department of Examinations, Floriana.

14th November, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultati ta' Intervisti għall-Postijiet fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultati ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Ir-riżultati huma dawn li ġejjin:

Security Guard

Ingaġġ fuq Kuntratt għall-Pożizzjoni ta' *Quality Control Manager* fid-Direttorat ta' l-*Integrated Administration and Control Systems*

Ingaġġ fuq Kuntratt għall-Pożizzjoni ta' *Farm Accounting Data Network* u *Cross-Compliance Officer*

L-14 ta' Novembru, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Results of Interviews for the Posts in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the results of the interviews for the under-mentioned posts have been published and can be viewed on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The results are the following:

Security Guard

Engagement on Contract in the Position of Quality Control Manager in the Integrated Administration and Control Systems Directorate

Engagement on Contract in the Position of Farm Accounting Data Network and Cross-Compliance Officer

14th November, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 367/2006. Xogħlijiet ta' dekorazzjoni fl-Iskola Sekondarja tas-Subien, Verdala, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th November, 2006, for:

CT 367/2006. Decoration works at the Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 368/2006. Bini ta' sala ta' l-iskola, *canteen,* librerija u faċilitajiet anċillari fil-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 358/2006. Provvista u stallazzjoni ta' sistemi mekkaniċi u ta' l-elettriku fl-iskola ġdida, Liceo Giuseppe Despott, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 371/2006. Xogħol ta' rinovar fil-fabbriki GGX002 u GGX005 fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija, Għawdex - Malta Industrial Parks. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 372/2006. Provvista ta' *isoflurane inhalation* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT/392/2006. Bejgħ *tale qual*e ta' vettura qadima tal-Gvern tat-tip Mazda GVN 103 mid-Dipartiment tal-Kuntratti – Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 376/2006. Provvista ta' pilloli *pimozide 4mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 378/2006. Provvista ta' pilloli *morphine sulphate 30mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 379/2006. Provvista ta' pilloli *ondansetron 4mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 380/2006. Provvista ta' pilloli *topiramate 50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 373/2006. Provvista ta' pilloli *trifluoperazine 1mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 374/2006. Provvista ta' *monofilament polyamide* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 375/2006. Provvista ta' *caspofungin 50mg vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 381/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *clindamycin phosphate 300mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 382/2006. Provvista ta' *sodium valpoate syrup* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 383/2006. Bini ta' appartamenti, garaxxijiet, ħanut

CT 368/2006. Construction of a school hall, canteen, library and ancillary facilities at Saint Benedict's College, Kirkop - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

CT 358/2006. Supply and installation of mechanical and electrical systems at the new school, Giuseppe Despott Lyceum, Cospicua - Foundation for Tomorrows Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 21st November, 2006, for:

CT 371/2006. Refurbishing works to be carried out at factories GGX002 and GGX005, Xewkija Industrial Estate, Gozo - Malta Industrial Parks. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 372/2006. Supply of isoflurane inhalation - Health Division.

CT/392/2006. Sale *tale quale* of Government old vehicle Mazda GVN 103 from the Contracts Department – Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 23rd November, 2006, for:

CT 376/2006. Supply of pimozide 4mg tablets - Health Division.

CT 378/2006. Supply of morphine sulphate 30mg tablets - Health Division.

CT 379/2006. Supply of ondansetron 4mg tablets - Health Division.

CT 380/2006. Supply of topiramate 50mg tablets - Health Division.

CT 373/2006. Supply of trifluoperazine 1mg tablets - Health Division.

CT 374/2006. Supply of monofilament polyamide - Health Division.

CT 375/2006. Supply of caspofungin 50mg vials - Health Division.

CT 381/2006. Supply of clindamycin phosphate 300mg injections - Health Division.

CT 382/2006. Supply of sodium valpoate syrup - Health Division.

CT 383/2006. Construction of apartments, garages, corner

f'kantuniera u tlestija ta' partijiet komuni fi *Plot* 10, Triq Dun Ġwann Mamo, Ħal Tarxien - l-Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 384/2006. Xiri ta' vannijiet *double cab pickup* għad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi (MSD) - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 385/2006. Żamma u tindif ta' l-inħawi esterni fil-kampus ta' l-Università - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 395/2006. Xiri ta' vettura ġdida - Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 363/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' konkos *ready mix* għall-użu ġenerali u marittimu f'Malta lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Ottubru 2006.

CT 364/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *mild steel bars, angles, plates* u *hollow sections* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Ottubru 2006.

CT 365/2006. Provvista ta' *phaco unit, cassette* u *custom pack* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Ottubru 2006.

CT 366/2006. Trasport ta' adulti b'diżabilità mid-dar għad-*day centres* u lura - Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Ottubru 2006.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Diċembru, 2006, għal:

CT 369/2006. Provvista ta' pilloli *olanzapine 5mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Ottubru 2006.

CT 370/2006. Provvista ta' pilloli *tetrabenazine 25mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

shop and finishing of common parts on Plot 10, Triq Dun Ġwann Mamo, Tarxien - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 384/2006. Purchase of double cab pickup vans for the Manufacturing and Servicing Department (MSD) - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 385/2006. Upkeep and cleaning of the outside areas on the University campus - University of Malta. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 395/2006. Purchase of new vehicle - Department of Contracts.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th November, 2006, for:

CT 363/2006. Period contract for the supply of ready mix concrete for general and maritime use in Malta to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on the 3rd October 2006.

CT 364/2006. Period contract for the supply of mild steel bars, angles, plates and hollow sections to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on the 3rd October 2006.

CT 365/2006. Supply of phaco unit, cassette and custom pack - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th October 2006.

CT 366/2006. Transport for adults with disability from their homes to day centres and back - Foundation for Social Welfare Services. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th October 2006.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th December, 2006, for:

CT 369/2006. Supply of olanzapine 5mg tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 5th October 2006.

CT 370/2006. Supply of tetrabenazine 25mg tablets - Health Division.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Ottubru 2006.

The EU Contract Notice was dispatched on the 5th October 2006.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-7 ta' Diċembru, 2006, għal:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 7th December, 2006, for:

CT 386/2006. Provvista ta' pilloli *selegiline 5mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-13 ta' Ottubru 2006.

CT 386/2006. Supply of selegiline 5mg tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 13th October 2006.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-12 ta' Diċembru, 2006, għal:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 12th December, 2006, for:

CT 387/2006. Provvista ta' pilloli *levetiracetam 500mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Ottubru 2006.

CT 387/2006. Supply of levetiracetam 500mg tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 16th October 2006.

CT 388/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *piperacillin* bit-*tozabactam* 4.5g – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Ottubru 2006.

CT 388/2006. Supply of piperacillin with tozabactam 4.5g injections – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 16th October 2006.

CT 389/2006. Provvista ta' pilloli *levetiracetam 1g* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Ottubru 2006.

CT 389/2006. Supply of levetiracetam 1g tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 16th October 2006.

CT 377/2006. Bini ta' skola ġdida sekondarja f'Taż-Żokrija, il-Mosta - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 377/2006. Construction of a new secondary school at Taż-Żokrija, Mosta - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Diċembru, 2006, għal:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th December, 2006, for:

CT 394/2006. Provvista ta' pilloli *morphine sulphate S/R 60mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 394/2006. Supply of morphine sulphate S/R 60mg tablets - Health Division.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Diċembru, 2006, għal:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th December, 2006, for:

CT 390/2006. Provvista ta' servizz ta' trasport f'Malta għal studenti bi bżonnijiet speċjali matul is-sena skolastika 2006/2007 – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokumenti ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Ottubru 2006.

CT 390/2006. Provision of school transport for students with special needs in Malta during scholastic year 2006/2007 – Education Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th October 2006.

CT 391/2006. Xiri ta' tlettax (13) -il vettura ġdida – Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokumenti ta' l-offerta.

1. Erbat elef lira Maltija (Lm4,000) Malta Government Stock (MGS) 2007 (II)

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, is-26 ta' Settembru 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the Civil Court First Hall on the 12th September 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. Monday, 27th November 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 10th January, 2006 to be held at Calamatta Cuschieri & Co. Limited, Valletta Buildings, Fifth Floor, South Street, Valletta of the following shares seized from the property of Alfred and Josephine spouses Cassar.

1. Four thousand Maltese Liri (Lm4,000) Malta Government Stock (MGS) 20077 (II)

Registry of the Superior Courts, this 26th day of September 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1702

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-3 ta' Ottubru, 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2006, li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetà hawn taħt deskritt:

Il-kmamar bin-numri tnejn tnejn wieħed tnejn (2212), tnejn tlieta zero wieħed (2301), tnejn tlieta zero erbgħa (2304), tnejn tlieta zero ħamsa (2305) u tnejn erbgħa zero wieħed (2401), formanti parti mill-lukanda mingħajr numru jisimha Lapsi Hillside ġa Cove Hotel, liema lukanda oriġinarjament kienet blokk appartamenti li kien jismu Narvic Flats u liema blokk appartament sussegwentement ġie konvertit fil-lukanda preċitata u ġiet imsemmija Neptune Hotel u aktar 'il quddiem Cove Hotel u wara Lapsi Hillside, f'Bay Junction, San Ġiljan, liema blokk jikkonfina mil-Lvant ma' Bay Junction, min-Nofsinhar ma' propjetà ta' Lawrence Wismayer, u mit-Tramuntana ma' propjetà tal-familja Barbara u oħrajn, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, kompriża s-sehem indiviż ta' l-entratura, l-intrata, t-tromba tat-taraġ, il-lift, ix-xaft tal-lift u s-servizzi komuni installati fl-imsemmi blokk, liema lukanda, fl-interità tagħha hija soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' disgħin lira maltija (Lm90), pagabbli terz ta' l-ammont lil Helen, armla ta' Scott Douglas, u żewġ-terzi lill-familja Camilleri. Il-lukanda preċitata ġiet akkwistata, kwantu għall-ħames sular (*fourth floor*), is-sitt sular (*fifth floor*), il-bejt, l-arja sovrastanti u n-nofs sehem indiviż ta' l-entratura, l-intrata, it-tromba tat-taraġ, il-lift u t-tromba tal-lift u s-servizzi komuni fl-istess blokk mingħand ċertu Francis Mamo u martu Beatrice Mamo, Emmanuele Buttigieg, Patrick Buttigieg, Carmen mart Abraham Borg u Maria mart Carmelo Brincat u dana in virtù ta' kuntratt tas-sitta (6) ta' Lulju tas-

By decree given by the Civil Court, First Hall on 3rd October, 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177), Thursday, 16th November, 2006 from 9.00a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 17th January, 2006, to be held in the Corridor of these Courts of the following property:

* Rooms numbered two two one two (2212), two three zero one (2301), two three zero four (2304), two three zero five (2305) and two four zero one (2401), forming part of the unnumbered hotel named Lapsi Hillside formerly Cove Hotel, which hotel was originally a block of flats named Narvic Flats and was then converted into the said hotel and was initially named Neptune Hotel and later Cove Hotel and then Lapsi Hillside, and is situated in Bay Junction, San Giljan, which block is boto the East with Bay Junction, to the South with property of Lawrence Wismayer, and to the North with property belonging to the Barbara family and others, with all its rights and appurtenances, including the undivided share of the entrance, the entrance hall, the stairwell, the lift and liftshaft and the communal services installed in the said block, which hotel, as a whole is subject to the annual and perpetual ground-rent of ninety Maltese Liri (Lm90), payable, as to one third of the said sum to Helen, armla ta' Scott Douglas, and as to two-third to the Camilleri family. The said hotel was acquired, as to the *fourth floor*, the *fifth floor*, the roof, the airspace and the one half undivided share of the entrance, the entrance hall, the stairwell, the lift and liftshaft and the communal services installed in the said block from a certain Francis Mamo and his wife Beatrice Mamo, Emmanuele Buttigieg, Patrick Buttigieg, Carmen mart Abraham Borg and Maria wife of Carmelo Brincat and this in virtue of a deed dated the sixth (6) day of July of the year nineteen hundred

sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Nota ta' Insinwa 10026/1995); kwantu għall-ewwel sular (*ground floor*), għat-tieni sular (*first floor*), it-tielet sular (*second floor*), ir-raba' (*third floor*) u n-nofs sehem indiviż ta'l-entratura, l-intrata, it-tromba tat-taraġ, il-lift u t-tromba tal-lift u s-servizzi komuni fl-istess blokk mingħand ċertu Francis Mamo u martu Beatrice Mamo, Emmanuele Buttigieg, Patrick Buttigieg, Carmen mart Abraham Borg u Maria mart Carmelo Brincat u dana in virtù ta' kuntratt tas-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) fl-atti tan-Nutar Pierre Attard (Nota ta' Insinwa 10027/1995), liema propjetà ġiet stmata li tiswa tletin elf Liri Maltin (Lm30,000.00c,0).

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil-Lapsi Holdings Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Anthony Ellul fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-27 ta' April 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum, 16 ta' Ottubru, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

and ninety-five (1995) in the acts of Notary Pierre Attard (Note of Entrolment 10026/1995); as to the *ground floor*, the *first floor*, the *second floor*, the *third floor* and the entrance, the entrance hall, the stairwell, the lift and liftshaft and the communal services installed in the said block from a certain Francis Mamo and his wife Beatrice Mamo, Emmanuele Buttigieg, Patrick Buttigieg, Carmen wife of Abraham Borg and Maria wife of Carmelo Brincat and this in virtue of a deed dated the sixth (6) day of July of the year nineteen hundred and ninety-five (1995) in the acts of Notary Pierre Attard (Note of Enrolment 10027/1995), which property has been valued at thirty thousand Maltese Liri (Lm30,000.00c,0).

The said tenement is the property of Lapsi Holdings Limited.

N.B. The said property will be sold as described by Anthony Ellul A.&.CE in his report confirmed on oath on the 27th April 2006.

Registry of the Superior Courts, today 16thOctober, 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1703

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-12 ta' Settembru 2006 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 20 ta' Novembru 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Marzu 2006 li għandu jsir fl-MCP Car Park, Ground Floor, Level Zero, Triq Sarria, Floriana tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda minn għand Robert Ciantar.

1. Subaru Impreza, Numru ta' Reġistrazzjoni: RLC-157.

Reġistru tal-Qrati Superjuri llum 26 ta' Settembru 2006.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the Civil Court First Hall on the 12th September 2006 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. Monday 20th November 2006 from 9.00a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th March 2006 to be held at Level 0, MCP Car Park, Triq Sarria, Floriana of the following vehicle seized from the property of Robert Ciantar.

1. Vehicle "Subaru Impreza" Registration No: RLC-157.

Registry of the Superior Courts, this 26th September 2006.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1704

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-1 ta' Novembru, 2006 fuq rikors ta' MARINA CIARLÒ ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 30 ta' Jannar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-1 ta' Novembru, 2006 li għandu jsir fil-kuriduri ta' dawn il-Qrati tal-propjetà hawn taħt deskritti.

L-Utile Dominium Temporanju għaż-żmien li fadal għal ċirka 140 sena oħra tal-fond numru 15, Triq San Ġwann Battista, San Pawl il-Baħar, soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm13.00ċ, stmata li tiswa Lm130,000.00ċ.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 1st November, 2006 on the application of CIARLÒ MARINA, Tuesday, 30th January, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 1st November, 2006 to be held in the corridors of these Courts, of the following property.

The Temporary Utile Dominium for the remaing period of about 140 years of tenement number 15, Saint John the Baptist Street, Saint Paul's Bay, as being subject to the annual and temporary groundrent of Lm13.00c valued at Lm130,000.00c.

Biċċa art mhux żviluppata magħrufa "Tan-Najsu", b'faċċata fuq Triq it-Tiben, Saint Andrew's, limiti ta' San Ġiljan, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 496 metri kwadri, stmata li tiswa Lm140,000.00c.

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' JOHN BAPTIST SAMMUT.

N.B. L-imsemmija proprjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskrittti mill-Perit Mario Cassar, A&CE, fil-25 April, 2005, u Alan Saliba A&CE fir-rapport tiegħu maħluf fid-9 ta' Jannar, 2000.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Plot of land known as "Tan-Najsu', accessible from Triq it-Tiben, Saint Andrew's, limits of Saint Julian's, measuring superficially 496 square metres, valued at Lm140,000.00c.

The said tenement is the property of JOHN BAPTIST SAMMUT.

N.B. The said properties will be sold as described in the report sworn to by Mario Cassar, A&CE, on 25th April, 2005, and Alan Saliba, A&CE in his report sworn on 9th January, 2000.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 9th November, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1705

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 243/1991 RCP, fl-ismijiet Anthony Gauci bħala prokuratur ta' l-imsiefer Paul Gauci u b' nota ta' l-20 ta' Mejju 1991 l-istess Paul Gauci assuma l-atti tal-kawża vs Michael John Mallia u Luke Miceli għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà L. Farrugia & Sons Ltd; Victor Peralta fil-kwalità tiegħu bħala mandatarju ta' l-assenti George Peralta u b' noti tal-5 ta' April 1993 rispettivament Edward Cassar Torregiani u Dr. Louis Bianchi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Whitewood Limited assumew l-atti tal-kawża minflok Victor Peralta bħala mandatarju ta' l-assenti George Peralta; Dr. Ramon Rossignaud LL.D.; Veronica Rossignaud; Marguerite Mercieca; Josephine Terreni; Rita Ferro; Mary Degiorgio; John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb; Diane Toledo; Sandra Zarb Mizzi; Blanche Refalo; l-Onorevoli Segretarju Parlamentari l-Avukat Dottor Michael Refalo LL.D., M.P., Patricia Mercieca; Hugh Mercieca; Cecilia Camilleri; u Peter Camilleri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellati Rita Ferro u Marguerite Mercieca, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12, l-attur Paul Gauci, ID 174454(M) permezz ta' rikors espona bir-rispett;

A. Ċitazzjoni.

Illi permezz ta' ċitazzjoni attriċi datata 30 ta' Mejju 1991, l-atturi ppremettew: Illi b'konvenju ta' l-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elf disa mija u disgħin (1990) il-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom ippromettew u obbligaw ruħhom li jassenjaw u jittrasferrixxu b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-istanti li aċċetta u obbliga ruħu li jakkwista bl-istess titolu ta' enfitewsi perpetwa l-art magħrufa 'Tal-Propostu' numru disgħa (9) fi Sqaq l-Ilbraġġ, fil-limiti ta' Birkirkara tal-kejl circa erbgħin (40) tomna ekwivalenti għall-44,965m.k. tmiss

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 23rd October 2006, in the records of the Writ of Summons Number 243/1991 RCP, in the names Anthony Gauci as mandatary of the absentee Paul Gauci and by note of the 20th May 1991 the same Paul Gauci assumed the records of the cause vs Michael John Mallia and Luke Miceli in the name and in representation of the company L. Farrugia & Sons Ltd; Victor Peralta in his capacity as mandatary of the absent George Peralta and by notes of the 5th April 1993 respectively Edward Cassar Torregiani and Dr. Louis Bianchi in the name and in representation of the company Whitewood Limited assumed the records of the cause instead of Victor Peralta as mandatary of the absent George Peralta; Dr. Ramon Rossignaud LL.D.; Veronica Rossignaud; Marguerite Mercieca; Josephine Terreni; Rita Ferro; Mary Degiorgio; John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb, Diane Toledo; Sandra Zarb Mizzi; Blanche Refalo; the Honourable Parliamentary Secretary Advocate Dr. Michael Refalo LL.D. M.P., Patricia Mercieca; Hugh Mercieca; Cecilia Camilleri; and Peter Camilleri, ordered the following publication for the purpose of service in respect of Rita Ferro and Marguerite Mercieca, in terms of Article 187(3) of Chapter 12, the plaintiff Paul Gauci, Id 174454(M) by means of an application respectfully pleaded;

A. Writ of Summons.

That by means of a writ of summons dated 30th May 1991 the plaintiffs premised; That by a preliminary agreement of the first (1) of August of the year one thousand and ninety (1990) the defendants together and in solidum between them promised and bound themselves to assign and transfer by title of perpetual emphyteusis to the appellant who accepted and bound himself to acquire by the same title of perpetual emphyteusis the land known as 'Tal-Propostu' number nine (9) in l-Ibragg Alley, in the limits of Birkirkara of the area of circa forty (40) tumoli equivalent to

mit-Tramuntana in parti ma' sqaq u in parti ma' proprjetà tal-familja Micallef (jew assignees) u mil-Lvant u min-Nofsinhar mat-triq, bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħha kollha, libera u franka, minn piżijiet u servitujiet, versu ċ-ċens annwu u perpetwu ta' għaxart elef mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm10,250) u bil-prezz ta' għoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) għal darba waħda biss,

……Omissis……

Illi wara li l-konvenuti kollha ġew interpellati biex jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt notarili relattiv u dan permezz ta' ittra uffiċjali tal-11 ta' Jannar 1991, li kopja tagħha tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. (D) kienu l-konvenuti Michael John Mallia et nomine u Victor Peralta nomine biss li rrifjutaw li jersqu fuq l-att notarili opportun kif mitlub mill-istess istanti;

Illi l-istess attur talab sabiex il-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m' għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tikkundannahom biex jersqu għall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' konċessjoni in enfitewsi perpetwa ta' l-art magħrufa 'Tal-Propostu' numru 9 fi Sqaq l-Ibraġġ, fil-limiti ta' Birkirkara, tal-kejl circa 40 tomna ekwivalenti għall-44,965m.k. u kif aħjar deskritta fil-konvenju ta' l-1 ta' Awissu, 1990 (Dok 'A' u dana bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha indikati fl-istess konvenju msemmi;

2. Tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt notarili, taħtar Nutar Pubbliku biex jippubblika l-kuntratt notarili relattiv u tinnomina kuraturi biex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-att;

Bl-ispejjez, kompriżi dawk taż-żewġ ittri uffiċjali tal-11 ta' Jannar 1991, kontra l-konvenut li huma minn issa ingunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni.

B. Eċċezzjonijiet.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb, Diane Toledo u Sandra Mizzi (E) data 8 ta' Mejju 1991, a fol. 20 eċċepew;

1. Illi huma dejjem kienu propensi jersqu għall-kuntratt a tenur ta' l-iskritturi ta' l-1 ta' Awissu u tad-9 ta' Awissu 1990 rispettivament;

2. Illi huma ma għandhomx ibatu l-ebda spejjeż;

3. Illi salv jekk ikun il-każ eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti l-Onervoli Segretarju Parlamentari Dottor Michael Refalo, LLD. il-mara tiegħu Blanche', Hugh Mercieca u l-mara tiegħu Patricia, Peter Camilleri u l-mara tiegħu Cecilia datata 10 ta'

44,985 sq.m. bordering on the north in part with an alley, and in part with property of family Micallef (or assignees) and on the east and south with the road, with all its rights and appurtenances, free and unencumbered, from burdens and servitudes, towards the annual and perpetual groundrent of ten thousand two hundred and fifty Maltese liri (Lm10,250) and for the price of twenty thousand Maltese Liri (Lm20,000) for once,.……

…..Omissis……

That after all the defendants were called upon to come forward to the publication of the relative notarial deed and this by means of a judicial letter of the 11th January 1991, a copy of which is attached and marked Doc. (d) the defendants Michael John Mallia et nomine and Victor Peralta nomine only refused to come forward on the opportune notarial act as required by the same appellant;

That the same plaintiff asked that the defendants state why this Court should not for the reasons premised;

1. Condemn them to come forward for the publication of the deed of perpetual emphyteusis of the land known as ' Tal-Propostu' number 9 in Ibragg Alley, in the limits of Birkirkara, of the area of circa 40 tumoli equivalent to 44, 965 sq.m. and as better described in the preliminary agreement of the 1st August 1990, (Doc 'A" and this under all the pacts and conditions indicated in the same preliminary agreement mentioned;

2. To fix a day, time and place for the publication of the same notarial deed, to appoint a Public Notary to publish the relative notarial deed and appoint curators to represent the eventual defaulters on the same act;

With costs, including those of the two judicial letters of the 11th January 1991, against the defendants who are from now summoned to appear personally .

B. Pleas.

That by means of a Note of Pleas of the defendants John Mattei; Marian Gatt, Astrid Xuereb, Diane Toledo and Sandra Mizzi (E) dated 8th May 1991, a fol.20 pleaded;

1. That they were always ready to come forward to the contract in terms of the writings of the 1st August and the 9th August 1990 respcetively;

2. That they should not bear the expenses;

3. That save if it be the case other pleas.

That by a Note of Pleas the defendants Honourable Parliamentary Secretary Dr. Michael Refalo, LL.D. his wife Blanche', Hugh Mercieca and his wife Patricia, Peter Camilleri and his wife Cecilia dated 10th May 1991, a fol. 24

Mejju 1991, a fol. 24 fejn eċċeppew:

1. Illi kif jirriżulta mill-premess taċ-ċitazzjoni stess l-esponenti kienu u għadhom lesti li jaddevjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt imsemmi u għaldaqstant fil-konfront tagħhom iċ-ċitazzjoni hija intempestiva u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess, għall-istess raġunijiet imsemmija fl-eċċezzjoni preċedenti, l-esponenti m'għandhom fi kwalunkwe każ ibatu l-ebda spejjeż f' din il-kawża;

3. Illi salv' eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta' Nota tal-Eċċezzjonijiet il-konvenut Victor Peralta nomine (B) datata 13 ta' Mejju 1991, a fol. 26 fejn eċċeppixxa;

1. Illi s-soċjetà konvenuta mhijiex rappreżentata tajjeb, u l-ittra uffiċjali li saret kontra tagħha saret ħażina u għalhekk il-konvenju, li hu indiviżibbli skada;

2. Illi l-pagament lil dik is-soċjetà ma sarx fit-terminu stipulat u għalhekk il-konvenju baqa' ineffettiv;

3. Illi fi kwalunkwe każ, iċ-ċitazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mil-ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi indiviżibbli;

4. Illi fil-meritu, l-attur ad insaputa u a skapitu ta' l-esponent dahhal fi ftehim privat ma' xi whud mill-vendituri u għalhekk bl-aġir tiegħu frawdolenti waqa' l-konvenju;

5. Illi salv eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota tal-Eċċezzjonijiet il-konvenuti Michael J. Mallia et nomine, (A) datata 13 ta' Mejju 1991, a fol. 29 eċċepixxa:

1. Illi s-soċjetà konvenuta m' rappreżentata skond l-Istatut tagħha;

……Omissis……

2. Illi l-konvenju fil-konfront tas-soċjetà konvenuta ma baqgħax effettiv għal diversi raġunijiet,

……Omissis……

3. Illi fi kwalunkwe każ iċ-ċitazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mil-Ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi indiviżiblli;

4. Illi fil-meritu, l-attur wara dar u a skapitu tas-soċjetà eċċipjenti ftiehem ma' xi whud mill-konvenuti prezz u kondizzjonijiet differenti minn dawk imsemmijin fil-

whereby they pleaded;

1. That as results from the premises of the writ of summons itself the interpellants were and are still ready to come forward to the publication of the contract mentioned and this in their regard the writ of summons is untimely and thus they should be freed from the observance of the judgement;

2. That without prejudice to the premised, for the same reasons mentioned in the preceeding plea, the interpellants should in no case, bear any costs of the case;

3. Saving further pleas.

That by means of a Note of pleas the defendant Victor Peralta nomine (B) dated 13th May 1991, a fol. 6 whereby he pleaded;

1. That the defendant company is not well represented and the judicial letter which was made against her was made badly and thus the preliminary agreement which is indivisible lapsed;

2. That the payment to that company was not made in the term stipulated and thus the preliminary agreement remained ineffective;

3. That in any case , the writ of summons was not made within the term stipulated by law against all the vendors and the obligation of the vendors is indivisible;

4. That as regards the merit, the plaintiff without knowing and to the detriment of the interpellant entered into a private agreement with some of the vendors and thus by his fraudulent action the preliminary agreement lapsed;

5. Saving further pleas.

That by a Note of Pleas the defendants Michael J. Mallia et nomine, (A) dated 13th May 1991, a fol. 29 pleaded;

1. That the defendant company is not represented according to its Statute;

……Omissis……

2.That the preliminary agreement as regards the defendant company did not remain effective for various reasons

…….Omissis……

3. That in any case the writ of summons was not made within the term stipulated by Law against all the vendors and the obligation of the vendors is indivisible;

4. That as regards, the merit without the knowledge and the the detriment of the interpellant company agreed with some of the defendants a price and conditions different from those

konvenju, liema ftehim jeżonera lis-soċjetà milli taddivjeni għall-kuntratt;…

……..Omissis……

5. Illi salv Eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti Marguerite Mercieca, Josephine Terreni, Rita Ferro, u Mary Degiorgio, datata 16 ta' Mejju 1991, a fol.34 eċċeppew:

1. Illi huma qatt ma kellhom u ma għandhomx, oġġezzjoni li jaddivjenu għall-kuntratt kif mitlub.

Illi permezz ta' nota tal-eċċezzjonijiet il-konvenuti l-Avukat Dottor Ramon Rossignaud u martu l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud (C) datata 11 ta' Ġunju 1991, a fol. 36, eċċeppew:

1. Illi kif jirriżulta mill-premessi taċ-ċitazzjoni, l-eċċipjenti ma rrifjutawx li jaddivjenu għall-pubblikazzjoni ta' l-att skond il-ftehim ta' bejniethom;
2. li għalhekk ma għandhomx ibatu spejjeż ta' dawn il-proċeduri;

Illi salvi dejjem eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti Michael John Mallia et nomine, datata 1 ta' April 1993 a Fol. 100 eċċepixxa:

1. Illi qabel xejn huma jirrikjedu l-prova tal-prokura rilaxxata minn Paul Gauci,

……..Omissis……

2. Illi s-soċjetà konvenuta mhijiex rappreżentata skond l-istatut tagħha; …….Omissis……

3. Illi l-konvenju fil-konfront tas-soċjetà konvenuta ma baqax effettiv għal diversi raġunijiet; …….Omissis……

4. Illi fi kwalunque każ iċ-ċitazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mil-liġi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi indiviżibili;

5. Illi fil-mertu l-attur wara dar u a skapitu tas-soċjetà eċċ ipjenti ftiehem ma' xi wħud mill-konvenuti prezz u kondizzjonijiet differenti minn dawk imsemmijin fil-konvenju …….Omissis……

6. Illi salv' eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti

mentioned in the preliminary agreement, which agreement exonerates the company from coming forward to the contract…

……..Omissis……

5. Saving further Pleas.

That by a Note of Pleas the defendants Marguerite Mercieca, Josephine Terreni, Rita Ferro and Mary Degiorgio, dated 16th May 1991, a fol. 34 pleaded:

1. That they never had and do not have an objection to come forward to the contract as asked.

That by a note of pleas the defendants Advocate Dr. Ramon Rossignaud and his wife Legal Procurator Veronica Rossignaud (C) dated 11th June 1991 a fol. 36 pleaded;

1. That as results from the premises of the writ of summons the interpellants did not refute to come forward to the publication of the act according to the agreement between them;
2. That thus they should not bear the expense of this procedure;

That saving other pleas.

That by means of a Note of Pleas the defendants Michael John Mallia et nomine dated 1st April 1993 a fol.100 pleaded:

1. That in the first place they require the proof of the power of attorney drawn out by Paul Gauci,

……Omissis……

2. That the defendant company is not represented according to its statute ;……..Omissis……

3. That the preliminary agreement as regards the defendant company did not remain effective for various reasons……Omissis……

4. That in any case the writ of summons was not made within the term stipulated by law against all the vendors and the obligation of the vendors is indivisible;

5. That as regards the merit the plaintiff without the knowledge and to the detriment of the interpellant company together with some of the defendants agreed on a price and conditions which are different from those mentioned in the preliminary agreement……Omissis……

6. Saving further pleas.

That by means of a Note of Pleas the defendants Dr. Louis

Dottor Louis Bianchi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà 'Whitewood Ltd' li assuma l-atti minflokk Victor Peralta nomine, datata 5 ta' April 1993, a fol. 106, eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipproduċi l-prova tal-prokura li għandu mingħand Paul Gauci…… Omissis……

2. Illi fit-tieni lok l-ittra uffiċjali li saret kontra s-soċjetà konvenuta saret ħażina……Omissis……

3. Illi l-pagament lis-soċjetà konvenuta ma sarx fit-terminu stipulat u għalhekk il-konvenju baqa' ineffettiv;

4. Illi ċ-ċitazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mil-liġi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hija indiviżibili:

5. Illi fil-meritu l-attur ad insaputa u a skapitu ta' l-esponent daħal fi ftehim privat ma' xi whud mill-vendituri …..Omissis……

6. Illi salv' eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti Edward Cassar Torreggiani li assuma l-atti minflokk Victor Peralta nomine, datata 5 ta' April 1993 a fol. 109, eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipproduċi l-prova tal-prokura li hu għandu mingħand Paul Gauci …….Omissis……

2. Illi fit-tieni lok li l-ittra uffiċjali saret kontra s-soċjetà konvenuta saret ħażina

……Omissis……..

3. Illi l-pagament lis-soċjetà konvenuta ma sarx fit-terminu stipulat u għalhekk il-konvenju baqa' ineffettiv;

4. Illi ċ-ċitazzjoni ma saritx fit-termini stipulat mil-ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hija indiviżibbli;

5. Illi fil-meritu l-attur ad insaputa u a skapitu ta' l-esponent daħal fi ftehim privat ma' xi whud mill-vendituri ……..Omissis……

6. Illi salv. eċċezzjonijiet oħra.

Ċ. Sentenza.

Illi permezz tas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2006 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet din il-kawża,

Bianchi in the name and in representation of the company 'Whitewood Ltd' who assumed the records of the cause instead of Victor Peralta nomine, dated 5th April 1993, a fol. 106, pleaded;

1. That in the first place the plaintiff has to prove that he has a power of attorney from Paul Gauci…….Omissis……

2. That in the second place the judicial letter which was issued against the defendant company was badly made ……..Omissis……

3. That the payment to the defendant company was not made within the term stipulated and thus the preliminary agreement remained ineffective;

4. That the Writ of Summons was not made within the term stipulated by law against all the vendors and the obligation of the vendors is indivisible;

5. That as regards the merit the plaintiff without knowing and to the detriment of the interpellant entered into a private agreement with some of the vendors…… Omissis……

6. Saving further pleas.

That by means of a Note of pleas the defendants Edward Cassar Torreggiani who assumed the records instead of Victor Peralta nomine, dated 5th April 1993 a fol. 109 pleaded;

1. That in the first place the plaintiff has to prove that he has a power of attorney from Paul Gauci …….Omissis……

2.That in the second place the judicial letter was made against the defendant company was badly made

……Omissis……

3. That the payment to the defendant company was not made within the term stipulated and thus the preliminary agreement remained ineffective;

4. That the writ of summons was not made within the term stipulated by law against all the vendors and the obligation of the vendors is indivisble;

5. That as regards the merit without the knowledge and to the detriment of the interpellant entered into a private agreement with some of the vendors …..Omissis……

6. Saving further pleas.

C. Judgement.

That in virtue of a judgement of the 30th March 2006 the Honourable First Court Civil Hall decided this cause, by

billi filwaqt li laqgħet it-tieni u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Victor Peralta nomine u tal-konvenut Michael J. Mallia et nomine u t-tielet u l-hames eċċezzjoni tal-konvenuti s-soċjetà Whitewood Limited (kif hawn rappreżentata minn Dr. Louis Bianchi) u tal-konvenut Edward Cassar Torreggiani ċaħdet it-talbiet attriċi stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż kollha a karigu ta' l-attur.

Illi l-appellanti hħassew ruħhom aggravati bis-sentenza premessa u qegħdin għaldaqstant jinterponu umli appell minnha;

D. Aggravji

Illi l-aggravji ta' l-appellant huma ċari u manifesti jikkonsistu fis-segwenti:

Bir-rispett kollu lejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li l-attur kien morus fil-ħlas dovut fit-termini tal-konvenju kienet waħda erronea u bla bażi;

…….Omissis……

it-tieninett għaliex l-komputazzjoni tat-terminu għall-pagament seta' biss jibda jgħaddi mid-data f'liema nħalqet l-obbligazzzjoni u mhux kif irritjenit l-Ewwel Onorabbli Qorti; u fit-tielet lok billi l-attur bl-ebda mod ma ġie mqiegħed in mora mill-konvenut. Fl-aħħarnett u fi kwalsijasi każ ma kien hemm l-ebda patt kommissorju espliċitu stipulat fil-konvenju u ma kien hemm l-ebda stipulazzjoni li l-morożità fil-ħlas kienet iġġib magħha wkoll id-dekadenza mill-konvenju. Għalhekk l-esponent ma jistax jingħad li ddekada mid-drittijiet tiegħu taħt il-konvenju minħabba morożità fil-pagament……

……Omissis……

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni li d-depożitu f' idejn Mallia kellu jsir fi żmien jumejn mid-data li dan poġġa l-firma tiegħu fuq il-konvenju u mhux fi żmien jumejn mid-data f' liema il-konvenju beda jseħħ u dan billi il-konvenju juża l-kliem

……..Omissis……

Il-kliem testwali tal-konvenju jimplika li l-ebda obbligazzjoni ma kellha tinħoloq bejn il-partijiet qabel kull wieħed minnhom ikun iffirma l-konvenju in kwistjoni. F'dan il-kuntest l-iskrittura hija ċara u ma thħalli l-ebda dubju……

……Omissis……

La darba il-konvenju ma kienx gie fis-seħħ ma kienx korrett li wieħed jassumi li kienu twieldu obbligazzjonijiet bejn il-partijiet qabel id-data meta dak lis-istess konvenju minn liema twieldu dawn l-obbligazzjonijiet gew fis-seħħ; minn

rejecting the second and fourth plea of the defendant Victor Peralta nomine and of the defendant Michael J. Mallia et nomine and the third and fifth plea of the defendants the company Whitewood Limited (as herein represented by Dr. Louis Bianchi) and of the defendant Edward Cassar Torreggiani demands since they are unfounded in fact and at law for the reasons premised.

That the appellants felt aggrieved by the judgement premised and are humbly filing an appeal therefrom.

D. Grievances.

That the grievances of the appellants are clear and manifest and consist in the following:

With all respect to the First Hall Civil Court that the plaintiff was in delay in the payment due in the terms of the preliminary agreement was erroneous and without any basis;

……..Omissis……

in the second place because the computation of the term for payment could have only started to run from the date when the obligation was concluded and not as held by the Honourable Court of First Instance; and in the third place as the plaintiff was never called upon by the defendant. In the last place and in any case there was no explicit commissory pact stipulated in the preliminary agreement and there was no stipulation that delay in payment brings with it lapse of the preliminary agreement. Thus it cannot be said that the applicant forfeited his rights under the preliminary agreement due to delay in paymen …

…….Omissis……

That the Honourable Court of First Instance arrived to the conclusion that the deposit with Mallia had to be made within two days from the date that he signed the preliminary agreement and not within two days from the date when the preliminary agreement came into being and this because the preliminary agreement used the said words ' two days from today

……Omissis……

The text of the preliminary agreement implies that no obligation had to arise between the parties before each one of them has signed the preliminary agreement in question. In this context the writing is clear and leaves no doubt

…….Omissis……

Once the preliminary agreement had not come into being it was not correct that one assumes that obligations had come into being between the parties before the date when the said preliminary agreement from which the said obligations were

dan għalhekk għandu jirrisulta ċar li l-unika interpretazzjoni loġika u leġittima kienet li tieħu t-terminu ta' jumejn bħala li b dew jgħaddu biss wara d-data minn meta il-konvenju ġie ffirmat mill-partijiet kollha.

Illi l-modalita dwar liema saret l-offerta tal-pagament tinsab ben deskritta fix-xhieda……

……..Omissis……

Huwa sintomatiku li l-konvenut Mallia nomine b'ebda mod ma interpella lill-attur biex jeffettwa l-ħlas jew ipprova jpoġġih in mora skond il-liġi. Huwa għalhekk evidenti li fil-każ preżenti ma setgħetx topera l-klawsola kommissorja…

……Omissis……

Illi l-attur kien ukoll aggravat minn dak li kkonkludiet l-ewwel Onorabbli Qorti li l-ftehim kien affett minn xi raġġir jew aġir dolus jew frawdolenti……

……Omissis……

Il-partijiet kien kollha ffirmaw konvenju wieħed fuq liema ġie stipulat ċens wieħed komuni għal kulħadd.

Huwa ukoll paċifiku li bejn xi wħud mill-partijiet it-terminu stipulat għall-fidi taċ-ċens lilhom spettanti ġie stipulat b'mod differenti minn dak fil-konvenju oriġinali. ……Omissis……

Huwa sottomess bir-rispett li kien fil-poter ta' kull parti li tistipula l-fidi taċ-ċens lilha spettanti b' mod differenti minn partijiet ohra, u s-sempliċi fatt li saru tali ftehim ma xi whud mill-partijiet b' ebda mod ma taffettwa jew tirrendi nulla l-obbligazzjoni prinċipali kontenuta fil-konvenju għat-trasferiment.

In realta lanqas ma tista tingħad li tamonta għall-frodi billi ma hemm xejn li jista jigi interpretat bhala lesiv tad-drittijiet tal-venditur Mallia nomine……

…….Omissis……

Intant is-sempliċi fatt li xi wħud mill-partijiet ftehmu separatament għall-fidi aċċelerat taċ-ċens lilhom dovut ma tinċidx fuq dak li stipula favur tiegħu l-istess konvenut Mallia nomine. Però fi kwalsijasi każ il-kwistjoni hija waħda li se mai taffettwa t-tieni obbligazzjoni assunta mill-partijiet u mhux l-ewwel waħda. Din l-obbligazzjoni baqgħet fiha n-nifisha valida u setgħet tingħata effett indipendentement minn dak li ġie stipulat fil-ftehim sussegwenti.

L-attur safa wkoll aggravat billi l-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet ta' l-attur anke fil-konfront ta' min ma kkontestax iċ-ċitazzjoni u anzi aderixxa mat-talbiet. La darba fil-konfront ta' xi wħud mill-konvenuti kien hemm l-

created came into being; from this it should result clearly thus that the only logical and legitimate interpretation was to take the term of two days as to run only after the date when the preliminary agreement was signed by all the parties.

That the modality regarding the offer of payment is well described in the evidence

…….Omissis……

It is syntomatic that the defendant Mallia nomine in no way called upon the plaintiff to effect payment or to put him in default according to law. It is thus evident that in the present case the commissory pact could not have effect…

……Omissis……

That the plaintiff was also aggrieved from that concluded by the Honourable Court of First Instance that the agreement was effected by deceit, malice or fraud……..

…….Omissis……

The parties had all signed one preliminary agreement whereby one groundrent had been stipulated for all.

It is also agreed that between some of the parties the term stipulated for the redemption of groundrent due to them was stipulated differently from that of the original preliminary agreement,……Omissis……

It is submitted with respect that it was within the power of each party to stipulate the redemption of groundrent due to it differently from other parties; and the simple fact that such agreement was reached with some of the parties in no matter effects and renders null the principal obligation contained in the preliminary agreement for transfer.

In reality it cannot also be said that it amounts to fraud as there is nothing which can be interpreted as in violation of the rights of the vendor Mallia nomine……

……Omissis……

Meanwhile the simple fact that some of the parties separately agreed to a quick redemption of the groundrent due to them does not effect what the same defendant Mallia nomine stipulated in his favour. However in any case the dispute is one which affects the second obligation undertaken by the parties and not the first. This obligation remained in itself valid and could be given effect independently from what was stipulated in the subsequent agreement.

The plaintiff was also aggrieved as the Honourable First Court rejected the demands of the plaintiff even as regards those who did not contest the writ of summons and abided by the demands. Once some of the defendants admitted the

ammissjoni tat-talbiet ta' l-attur l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma setgħetx, anke tenendo kont tat-tibdil li sar lill-Istitut tal-Kompropriet tiċħad it-talbiet ta' l-attur fil-konfront ta' dawk il-konvenuti li aderew mat-talbiet tiegħu…

……..Omissis……

L-aħħar aggravju ta' l-attur ma jitwiledx mis-sentenza nnifisha imma miż-żmien irraġonevoli li ttieħed biex tiġi deċiża l-kawża;

…….Omissis……

Għaldaqstant l-esponent filwaqt li jagħmlu riferenza għall-provi ġa prodotti u jirriservaw li jipproduċu dawk il-provi kollha permezz mil-liġi inkluża s-subizzjoni ta' l-appellati jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Marzu 2006, fil-kawża fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

Konvenuti Appellati: 1.……..Omissis……

6.Marguerite Mecieca, 6, Gardens Street, The Gardens, San Ġiljan.

8. Rita Ferro, 5, Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Superjuri) illum 10 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

plaintiff's claims, the Honourable Court of First Instance could not; even holding in mind of the changes in the Institute of Co-Ownership, reject the plaintiff's claims as regards those defendants who abided by his demands……

…….Omissis……

The last grievance of the plaintiff does not result from the judgement itself but from the unreasonable time taken to decide this cause……

……..Omissis……

Thus the applicant whilst referring to the proof produced and reserves to bring forward all the proof permitted by law including the reference to the oath of the respondents, pray with respect that this Honourable Court of Appeal revokes the judgement of the Honourable First Hall Civil Court of the 30th March 2006, in the cause in the names premised and thus decide by rejecting the pleas of the defendants and upholding the demands of the plaintiff; with costs of both instances against the defendants.

Defendants Respondents: 1……..Omissis……

6. Marguerite Mercieca, 6, Gardens Street, The Gardens, St. Julians.

8.Rita Ferro, 5, Żebbuġ Street, St. Julians.

Registry of the Superior Courts (Superior Appeals) today 10th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1706

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontrja) permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Novembru 2006, in segwitu għar-rikors ta' Emmanuela Briffa, Rikors numru 671/2005, ordnat illi Angela Azzopardi, xebba, bint il-mejtin Joseph Azzopardi u Maddalena neé Cassar, imwielda u toqgħod Birkirkara, bil-karta ta' l-identità numru 184410(M) ġiet interdetta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)
Illum 13 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 3rd November 2006, following an application of Emmanuela Briffa, Application number 671/2005, ordered that Angela Azzopardi, unmarried, daughter of the late Joseph Azzopardi and Maddalena neé Cassar, born and residing in Birkirkara, Identity card number184410(M) was interdicted.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section)
Today 13th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*